MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2009

Rikors Numru. 744/2000/1

Vica Limited
vs
Il-Kummissarju ta' l-Artijiet u l-Avukat Generali tar-Repubblika

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tas-socjeta` Vica Limited li bih esponiet:

1. Illi s-socjeta` rikorrenti akkwistat b'titolu ta' enfitwesi perpetwa:
(1) l-ghalqa denominata "Ta' Taht il-Gnien Santa Venera" sive "Ta' Misrah il-Barrieri" fil-kontrada ta' Mistrah il-Barrieri jew ta' Triq il-Harrub limiti ta' Santa Venera, u
(2) Tliet kwarti indivizi ta' terran ta' cirka erbat itmiem, li dari kien attraversat mil-linja tal-ferrovija u segregat mill-ghalqa imsejha "Ta' Misrah il-Barrieri" li tinsab fil-kontrada omonima, fil-limiti ta' Santa Venera,

permezz ta’ kuntratt datat 29 ta’ Novembru, 1969 fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Gatt kopja ta’ liema giet annessa mar-rikors u immarkata Dok A.

Illi parti kbira mill-fuq imsemmija proprjeta` ttiehdet mill-pussess tas-socjeta` rikorrenti premezz ta’ Dikjarazzjoni tal-President fil-Gazzetta tal-Gvern tas-16 ta’ Mejju, 1975 (Avviz Nru. 333). Fid-dikjarazzjoni in kwistjoni l-proprjeta` tar-rikorrenti giet deskritta kif gej:
(1) bicca art tal-kejl ta’ 1 Tomna, 1 Siegh u 6.25 Kejliet (1428.6 metri kwadri) tmiss mit-Tramunata ma’ Triq il-Ferrovija, mil-Lvant ma’ proprjeta` tal-Knisja Parrokjali ta’ San Pawl tal-Belt Valletta u mill-Punent ma’ proprjeta` tad-ditta Bugeja Brothers;
(2) bicca art tal-kejl ta’ 1 Tomna u 9.15 Kejliet (1302.3 metri kwadri), tmiss mit-Tramuntana ma’ Triq il-Ferrovija u mil-Lvant u mil-Lbic ma’ proprjeta` tad-Ditta Bugeja Brothers;
(3) bicca art tal-kejl ta’ 1 Tomna, 3 Sieghan, u 7.13 Kejliet (1819.7 metri kwadri), li tmiss min-Nofs in-Nhar ma’ Triq il-Ferrovija, mil-Lvant ma’ proprjeta` tad-Ditta Bugeja Brothers u mill-Majistral ma’ proprjeta` tal-werrieta ta’ Helen, Maria u Carmela, ahwa Grech;

3. Illi llum ghaddew iktar minn ghoxrin sena u l-intimati ghadhom ma istitwew l-ebda proceduri relativi ghall-hlas tal-kumpens li jaghmel tajjeb ghad-deprivazzjoni tal-proprjeta` tar-rikorrenti;

4. Illi dan l-agir ta’ l-intimati jammonta ghall-ksur tad-drittijiet fondamentali tas-socjeta` rikorrenti peress illi:
(a) l-ewwel nett huma naqsu li, fi zmien ragjonevoli, jiddeciedu fir-rigward tal-kumpens dovut lis-socjeta` rikorrenti ghad-deprivazzjoni mill-propjeta` taghhom u sussegwement jghaddu ghall-hlas ta’ dan l-istess kumpens u ghaldaqstant qeghdin jilledu d-dritt fundamentali tar-rikorrenti ghal smigh xieraq fi zmien ragjonevoli kif protett mill-Artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u ta’ l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem;
(b) it-tieni nett, huma naqsu li jikkompensaw lir-rikorrenti l-valur tal-proprjeta` li huma esproprjaw mill-

pussess taghha u ghaldaqstant qeghdin jilledu d-dritt fondamentali tas-socjeta` rikorrenti kif protett mill-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem;

Ghaldaqstant ir-rikorrenti talbet li din il-Qorti joghgobha taghti dawk l-ordnijiet u dawk id-direttivi biex tassigura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali protetti bl-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u bl-Artikolu 6 ta' l-istess Konvenzjoni Ewopeja kif ukoll bl-Artikolu 37 u 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fosthom billi:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li tali dewmien kif fuq deskritt jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti kif protetti mill-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u bl-Artikolu 6 ta' l-istess Konvenzjoni Ewropeja kif ukoll bl-artikoli 37 u 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

2. Taghti zmien qasir u perentorju ghall-hlas tal-kumpens dovut lir-rikorrenti ghad-deprivazzjoni mill-proprjeta` taghha;

3. Taghti kull rimedju iehor necessarju u opportun biex jigu protetti d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif fuq inghad.

Bl-ispejjez.

Rat id-dokumenti prezentati mis-socjeta` rikorrenti.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta tal-Kummissarju ta' l-Artijiet u l-Avukat Generali li biha esponew:

1. Illi preliminarjament l-Avukat Generali mhux il-legittimu kontradittur f'din il-kawza stante li hu ma jaghti ebda kumpens meta art tkun esproprjata ghal skop pubbliku u stante wkoll dak li jipprovdi l-Artikolu 181B tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili li l-Avukat

Generali jkun legittimu kontradittur biss meta minhabba n-natura tat-talba ma tkunx tista tigi indirizzata lejn hadd iehor. Fil-kaz odjern jidher li hemm haddiehor li jista' jirrispondi u ghaldaqstant l-Avukat Generali ghandu jkun liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez.

2. Illi preliminarjament ukoll dina l-Qorti giet mistiedna li tezercita d-diskrezzjoni taghha u tiddeklina li tisma' din il-kawza u dan ai termini tal-proviso ta' l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u tal-proviso ta' l-artikolu 4 tal-Kap 319 stante li jezistu rimedji ordinarji ghat-talbiet tar-rikorrenti. Skond l-Artikolu 469A tal-Kap 12, paragrafu (b), sub-paragrafu (ii), il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghandha gurisdizzjoni li tissindika att amministrattiv:

"**meta l-awtorita` pubblika tkun naqset milli tosserva l-principji tal-gustizzja naturali jew htigijiet procedurali mandatorji fit-twettiq ta' l-ghemil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-ghemil;**"

Fir-rikors promotorju qed jigi allegat li kien hemm zmien ragjonevoli biex il-Kummissarju ta' l-Artijiet johrog in-Notice to Treat. Issa l-Artikolu 12(1) tal-Kap 88 jghid:

**"With the decleration served under subsection (2) of section 9 or as soon thereafter as may be practicable, the competent authority shall give to the** owner a notice (hereinafter referred to as a notice to treat) by means of a judical act …"

Isegwi ghalhekk li jekk ir-rikorrent jidhirlu li din in-notice to treat damet ma harget, seta' fetah kawza ordinarja quddiem il-Prim'Awla biex isir l-istharrig gudizzjarju ta' l-azzjoni amministrattiva.

4. Illi, bla pregudizzju ghas-suespost, it-tehid tal-proprjeta` sar qabel l-1987 u ghalhekk l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja mhux applikabbli u dan minhabba dak li hemm provdut fl-artikolu 7 tal-Kap 319 waqt illi l-Kap 88 huwa salvagwardjat ukoll bl-Artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni.

5. Illi, bla pregudizzju ghas-suespost, l-Artikoli 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni mhumiex applikabbli ghall-kaz odjern stante li ma jezistu ebda proceduri quddiem xi tribunal, bord jew qorti izda hija biss azzjoni amministrattiva li qed tkun impunjata.

6. Illi, bla pregudizzju ghas-suespost, ma jezisti ebda ksur ta' l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni jew ta' l-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ghaliex il-Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi ghal tali kumpens u barra dan jinghataw l-interessi wkoll meta jithallas dan il-kumpens. Mela ma jonqos ebda wiehed mill-elementi li jidhru f'dawn iz-zewg artikoli.

7. Ghaldaqstant din il-Qorti ghandha tiddikjara li ma ssib ebda lezjoni tad-drittijiet tar-rikorrenti u tichad it-talbiet kollha taghhom.

Bl-ispejjez.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Fit-3 ta' Mejju 2000 intalab differiment mill-intimati peress li kienu ghaddejjin proceduri biex jinhareg in-*Notice To Treat*, u r-rikorrenti ma opponewx. Fil-5 ta' Lulju 2000 il-Qorti giet infurmata li dakinhar kienet sejra tigi prezentata n-*Notice To Treat* u li l-Gvern kien ser jassumi l-possibbilta` tal-hlas tac-cens minn meta dahal fiha l-Gvern. Fil-fatt il-Qorti giet infurmata fl-24 ta' Ottubru 2000 li n-*Notice To Treat* kienet giet prezentata u notifikata u li r-rikorrent kien baghat ittra ufficjali responsiva izda li l-Gvern ma kienx hallas ic-cens. Irrizulta wkoll li l-Gvern ma irrilaxxjax il-bicca art li iddecieda li ma jakkwistax. Fl-24 ta' Jannar 2001 il-Qorti giet infurmata li kien hemm

proceduri quddiem il-Land Arbitration Board u fl-14 ta' Marzu 2001 il-partijiet infurmaw lill-Qorti li hemm possibbilta` ta' tranzazzjoni u ghalhekk intalab differiment. In segwitu partijiet mill-artijiet gew rilaxxjati u saru diskussjonijiet biex jigu rilaxxjati partijiet ohra. Irrizulta wkoll li d-Dipartiment ta' l-Artijiet kellu bzonn xi direttivi mid-Director of Roads ghall-prosegwiment tal-proceduri. Giet prezentata pjanta mis-socjeta` rikorrenti a fol 40 tal-process li turi l-art kollha li giet esproprjata u li gew indikati fiha l-art uzata ghall-formazzjoni tat-toroq, dik rilaxxjata u dik li fuqha hemm tentattivi ghar-rilaxx. Fil-21 ta' Jannar 2003 il-Qorti ordnat lill-Kummissarju ta' l-Artijiet biex sal-ahhar ta' Frar jiddikjara jekk kienx ser jirrilaxxja xi partijiet mill-art in kwistjoni, izda fl-24 ta' Marzu 2003 l-Kummissarju ta' l-Art iddikjara li mhux f'pozizzjoni jaghmel tali dikjarazzjoni, u dan ikkonfermah fit-22 ta' Mejju 2003 permezz ta' nota fejn spjega li dan kien qed jaghmlu stante li s-*Central Malta Local Plan* ghadu ma giex *in vigore* u kien qed jigi evalwat mill-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar. Fit-18 ta' Novembru 2003 l-partijiet infurmaw lill-Qorti li kien intlahaq progress sostanzjali fis-sens li kienu ser jigu rilaxxati mill-intimat Kummissarju ta' l-Artijiet l-*plots* numri "4a" u "6g" izda minhabba l-kumplessita` tal-procedura involuta talbu differiment ta' tliet xhur. Fit-2 ta' Marzu 2004 il-qorti giet infurmata li sar ir-rilaxx tal-"4d" izda mhux tal-"4e" u "4f", li huma necessarji ghat-triq u li precedentement il-"4d", "4e" u "4f" kienu *plot* "4a", u l-konsulent legali tar-rikorrenti ipprometta li jipprezenta kopja tal-pjanta fi zmien ghaxart ijiem. Ukoll il-Qorti giet infurmata li kienu qed isiru proceduri ghar-rilaxx tal-*plot* "6g" li kellu jsir fi zmien tliet gimghat. Saret dikjarazzjoni wkoll li c-cens ta' Lm9.50 fis-sena (li jridu jonqsu *pro rata* minhabba l-partijiet rilaxxati) ser jithallsu mill-Gvern b'effett minn meta l-Gvern dahal fuq l-art. Kien ser isir tentattiv ta' tranzazzjoni bejn il-partijiet. Fl-20 ta' April 2004 giet esebita kopja tal-Gazzetta tal-Gvern tat-13 ta' April 2004 li juri rilaxx favur is-socjeta` rikorrenti tal-*plot*s "4D" u "6D". Il-partijiet diversi drabi talbu differimenti lill-Qorti minhabba l-possibbilta` ta' tranzazzjoni. Tentattivi ta' tranzazzjoni waqfu fil-15 ta' Marzu 2005 meta gie prezentat affidavit ta' Margaret Falzon.

Rat l-affidavit ta' Vincent Camilleri, Direttur tas-socjeta` Vica Limited li fih issemma li s-socjeta` Vica Limited kienet akkwistat b'titolu ta' enfitewsi proprjeta` f'Santa Venera u dan permezz ta' kuntratt tad-29 ta' Novembru 1969 ippubblikat fl-Atti tan-Nutar Dottor Anthony Gatt. Permezz ta' dan l-imsemmi kuntratt Vica Limited kienet akkwistat madwar tmint itmiem art kif deskritt fir-rikors. Fl-istess zmien b'kuntratt differenti Vica Limited kienet ukoll akkwistat il-kwart indiviz l-iehor ta' l-art imsemmija permezz ta' kuntratt tal-1 ta' Dicembru 1969 fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Gatt. Ftit snin wara li Vica Limited akkwistat din il-proprjeta` b'enfitewsi perpetwa l-parti l-kbira ta' din il-proprjeta` ttiehdet mill-pussess ta' Vica Limited permezz ta' Dikjarazzjoni tal-President li kienet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tas-16 ta' Mejju, 1975 (Avviz Nru. 333). Minn meta gie ippubblikat l-Avviz fil-Gazzetta tal-Gvern u cioe` mis-sena 1975 sa meta gew pprezentati dawn il-proceduri u cioe` fis-sena 2000, Vica Limited qatt ma giet notifikata li nbdew proceduri kontra taghha sabiex jigi stabbilit il-kumpens dovut lilha ghall-artijiet kollha li ttiehdulha. Minkejja dan, is-socjeta` Vica Limited ma setghetx taghmel uzu mill-proprjeta` taghha mis-sena 1975 u dan minghajr ma qatt giet infurmata liema partijiet minn dak mittiehed kien sejjer jintuza, jew rilaxxat u minghajr ma qatt gie stabbilit il-kumpens dovut lilha ghal dan it-tehid. Matul is-snin bejn 1975 u 2000 hu kien kiteb u kellem lid-Dipartiment ta' l-Artijiet kemm-il darba. Kien biss wara li nbdiet din il-kawza li Vica Limited bdiet tigi notifikata bi proceduri li l-Kummissarju ta' l-Artijiet kien beda quddiem il-Bord ta' l-Arbitragg Dwar l-Artijiet. Dawn il-proceduri anqas inbdew fuq l-art kollha li ttiehdet u fil-fatt anke jekk ma tikkunsidrax dik il-parti li hadu Phoenix, xorta hemm partijiet ohra li l-Gvern ghadu sal-lum ma ghamilx uzu minnhom. Kien iltaqa' diversi drabi ma' rapprezentanti tad-Dipartiment ta' l-Artijiet fejn iddiskutew ir-rilaxx ta' dak li mhux qed jintuza. Ir-rilaxx gie finalizzat permezz ta' l-Avviz 317 pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern ta' l-10 ta' April 2001.

Jibqa' erba partijiet ohra ta' art li huma identifikati bil-kulur ahdar (fil-pjanta a fol 40). Dawn l-erba bicciet ta' art ma

jintuzawx mill-Gvern u d-Dipartiment ta' l-Artijiet kienu matul il-proceduri qeghdin jghidu li dawn jista' jkun li se jigu rilaxxati pero` sal-lum ghadhom mhux rilaxxati. Permezz ta' ittra datata 8 ta' Lulju 2002 hu kien gie infurmat mid-Dipartiment li kienet qeghda tigi rilaxxjata wkoll parti mill-art immarkata bhala Plot 6F. Hu kien informa lid-Dipartiment li din l-art ma kenitx tieghu. Permezz ta' ittra ta' l-24 ta' Lulju 2002 kien gie nfurmat li kienet sejra tigi rilaxxjata ukoll il-Plot 6G. Kien hawnhekk li hu kien induna li parti mill-art li kien ha l-Gvern permezz tad-Dikjarazzjoni tal-President kient giet okkupata minn terzi u dawn bnew kumpless kummercjali fuqha u qeghdin joperaw attivita` kummercjali. Din hija l-attivita` u l-kumpless ta' Phoenix Home Appliances, li bnew kumpless kummercjali fuq art li l-Gvern ha minghand Vica Limited ghal skopijiet pubblici. Ghalkemm din l-art hija ta' Vica Limited dina hija dik l-art li ha l-Gvern u li fuqha Phoenix Appliances Limited bniet il-kumpless kummercjali. Peress li l-art ma kenitx qedgha tinghatalu lura bhala libera hu kien ipprezentalhom affidavit b'emenda ghal dik li kienu issuggerew huma u dan ma giex accettat mid-Dipartiment u d-Dipartiment ma hareg l-ebda avviz ghar-rilaxx. Fuq din il-parti ta' art Vica Limited bdiet proceduri fil-Qorti fuq dan kontra kemm Phoenix Appliances Limited kif ukoll id-Dipartiment ta' l-Artijiet, liema proceduri huma 68/2003 quddiem il-Qorti presjeduta mill-Onor. Imhallef J.R. Micallef u li dakiz-zmien kienet differita ghall-11 ta' Novembru 2003. Waqt li kienet ghaddejja din il-kawza l-Kummissarju ta' l-Artijiet ipprezenta xi proceduri quddiem il-Bord sabiex jigi stabbilit il-kumpens, pero` hu ma setax jidentifika fuq liema *plots* infethu dawn il-proceduri u dan ghaliex meta ttiehdet l-art dina kienet art shiha u kien id-Dipartiment li qasam l-art fi *plots* izghar. Finalment inghata l-pjanta Dok "Vica 6" li minnha jidher it-tqassim ta' l-art f'diversi *plots*, l-uzu ta' l-istess numri ghal dawn il-*plots* u anke n-nuqqas ta' emunerazzjoni li tidher fl-avvizi ghar-rilaxx ta' *plot* 6. Minhabba dan hu ma setax jidentifika *plot, plot* u qal fuq liema nbdew il-proceduri quddiem il-Bord Dwar l-Arbitragg ta' l-Artijiet.

Jidher li Vica Limited ghadha sal-lum ma hadet l-ebda kumpens u kien biss wara hamsa u ghoxrin sena u wara li

nfethet din il-kawza li d-dipartiment fetah il-proceduri sabiex jigi stabbiliet il-kumpens, u matul dan iz-zmien ma setghetx taghmel uzu mill-art, mhux l-art kollha giet uzata mill-Gvern u parti minnha giet okkupata minn terzi. Matul dan iz-zmien kollu baqa' ghaddej ic-cens fuq l-art, liema cens ma thallasx minghand id-Dipartiment u fl-1998 uhud mic-censwalisti fethu anke proceduri kontra Vica Limited (Citazzjoni 2382/98). Minhabba dawn il-proceduri Vica Limited kellha anke thallas dan ic-cens fuq l-art ghal dawn is-snin u anke fdiet ic-cens minn uhud mic-censwalisti.

Xehdet Margaret Falzon, Assistent Direttur tad-Dipartiment ta' l-Artijiet li qalet li in segwitu ta' din il-kawza kienet kellmet lid- *Director of Roads* biex din l-art tigi rilaxxata izda r-risposta li hadet li l-ewwel kien hemm bzonn ikellmu lill-Awtorita` ta' l-Ippjanar u baqet minghajr risposta. Fil-fatt kienet ilha li kitbitilhom lid-Dipartiment tar-Roads izda regghet kellmithom il-gimgha ta' qabel.

Rat l-affidavit ta' Margaret Falzon fejn issemma li l-artijiet mertu tal-kawza odjerna huma koperti b'zewg Dikjarazzjonijiet Presidenzjali, wahda li harget fil-15 ta' April 1969 u l-ohra li harget fis-16 ta' Mejju 1975. Sussegwentement id-dipartiment beda ezercizzju intensiv sabiex tigi stabbilita l-provenjenza tat-titolu mhux biss ta' l-artijiet in kwistjoni imma ta' l-*area* shiha milquta b'dawn id-Dikjarazzjonijiet Presidenzjali. Illi dan l-ezercizju kien twil u komplikat u kien jirrikjedi hafna zmien mhux biss minhabba li l-proprjeta` kienet vasta hafna u allura kellha tinqasam f'hafna porzjonijiet skond ir-rati varji ta' cens u sub-cens imma wkoll peress li kien hemm ghexiren ta' sidien involuti li dawn baqghu kontinwament jinbidlu matul is-snin bil-konsegwenza li d-Dipartiment ghadu sal-gurnata tal-lum ikun kostrett jaghmel tibdiliet fid-divizjonijiet ta' l-artijiet ecc. Fil-5 ta' Frar 1980 hargu hames Notifiki tal-President akkumpanjati min-*Notice to Treat*. Dawn kienu jkopru l-proprjeta` segwenti: *plot* 4B, *plot* 6A, plot 9A permezz ta' LD 104/75/1; *plot* 5 permezz ta' LD 104/75; u *plot* 4B u *plot* 5A permezz ta' LD 140/68/1; u *plot* 4A u *plot* 5B permezz ta' LD140/68/1. Dawn gew notifikati fost l-ohrajn lir-rikorrenti s-Sur Vincent Camilleri, direttur ta' Vica Limited f'Novembru 1982 bhala

sid ta' l-*utile dominium* tal-proprjetajiet in kwistjoni. Illi minn dawn il-hames Notifiki tal-President hemm tlieta li jikkoncernaw l-artijiet mertu tal-kawza odjerna u cioe` Dok MF1, Dok MF2 u Dok MF3. Illi n-Notifika tad-Dikjarazzjoni tal-President immarkata Dok MF1 tkopri l-artijiet ta' kejl 1428.6 metri kwadri u 1819.7 metri kwadri li minnhom ir-rikorrent jippossjedi 1361.6 metri kwadri u 570.8 metri kwadri rispettivament. Din in-Notifika flimkien mal-Avviz ghall-Ftehim (*Notice to Treat*) (Dok MF1a) giet notifikata lir-rikorrent (Dok MF1b) li min-naha tieghu ikkontesta l-kumpens offrut mid-Dipartiment ta' l-Artijiet permezz ta' ittra ufficjali datata 24 ta' Novembru 1982 (Dok MF1c). Illi n-Notifika tad-Dikjarazzjoni tal-President immarkata Dok MF2 tkopri l-artijiet ta' kejl 1428.6 metri kwadri, 1302.3 metri kwadri u 1819.7 metri kwadri li minnhom ir-rikorrent jippossjedi 67 metri kwadri, 649.7 metri kwadri u 1248.9 metri kwadri rispettivament. Din in-notifika flimkien mal-Avviz ghall-ftehim (*Notice To Treat*) (Dok MF2a) giet notifikata lir-rikorrent (Dok MF2b) li min-naha tieghu ikkontesta l-kumpens offrut mid-Dipartiment ta' l-Artijiet permezz ta' ittra ufficjali datata 24 ta' Novembru 1982 (Dok MF2c). Illi fis-sena 2000 ir-rikorrent fetah il-kawza odjerna u fil-mori ta' din il-kawza d-Dipartiment erronjament hareg *Notice To Trea*t ohra fil-5 ta' Lulju 2000 li tkopri l-istess propretajiet li diga' kienu jiffurmaw parti minn *Notices to Treat* ta' l-1980, hlief ghal *Plot* 6B li jkopri art ta' 652.6 metru kwadru (ukoll mertu tal-kawza odjerna) li ma kien qatt kopert bin-*Notice to Treat* ta' l-1980 u ghaldaqstant l-ewwel darba li harget *Notice to Treat* fuqu kien fis-sena 2000. Illi dawn in-*Notices to Treat* tas-sena 2000 ukoll gew kontestati. Illi l-proceduri quddiem il-Bord ta' l-Arbitragg ta' l-Artijiet dwar in-*Notices to Treat* bdew fil-15 ta' Dicembru 2000. Fil-mori ta' dawn il-proceduri quddiem il-Bord irrizultaw in-*Notices to Treat* ta' l-1980 u konsegwentement inbdew proceduri immedjati quddiem l-istess Bord fis-sena 2003 li jkopru dawn in-*Notices to Treat* ta' l-1980 u saret talba mid-Dipartiment ta' l-Artijiet sabiex il-proceduri quddiem il-Bord jitwaqqfu fir-rigward tan-*Notices to Treat* tas-sena 2000 u jitkomplew biss dawk li jikkoncernaw in-*Notices to Treat* ta' l-1980 peress li dawn kienu hargu l-ewwel originarjament. Dan hlief ghal *Plot* 6B li ma kienx kopert bin-*Notice to Treat* ta' l-1980,

liema artijiet jiffurmaw parti mill-kawza odjerna. Dak iz-zmien il-Bord ta' l-Arbitragg ta' l-Artijiet se jaghti s-sentenza dwar din it-talba, biex wara jkunu jistghu jitkomplew il-proceduri quddiem l-istess Bord. Fil-frattemp id-dipartiment beda proceduri biex jirrilaxxja l-artijiet mertu ta' din il-kawza li ma kinux mehtiega mid-Direttorat tat-Toroq ghall-progett ta' toroq fl-*area* in kwistjoni. Dan kollu ma setax isir qabel peress li d-Dipartiment ta' l-Artijiet qatt qabel ma kien inghata awtorizazzjoni mid-Dipartiment tat-Toroq sabiex jirrilaxxa dawn l-artijiet. Illi wara diskussjonijiet u diversi laqghat mal-partijiet kollha koncernati, fosthom il-MEPA, gew rilaxxati *plots* 6G u 4A li jkopru medda ta' art ta' kejl ta' 102 metri kwadri u ta' 378 metri kwadri rispettivament. Illi saru diversi laqghat bejn il-partijiet ftit qabel ma gie prezentat l-affidavit f'tentattiv biex jintlahaq pakkett ta' ftehim pero` minkejja li sar hafna progress sabiex jigu rilaxxjati dawk l-artijiet li ma kinux mehtiega mill-intimat ecc., xorta ma ntlahaqx ftehim finali. Dan wara li l-proposta finali offruta min-naha tad-Dipartiment ta' l-Artijiet ma gietx accettata mir-rikorrent. Ziedet tghid illi sa meta gie prezentat l-affidavit, id-Dipartiment ma rcieva ebda kontro-proposta min-naha tar-rikorrent.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

***<u>D1. Fatti tal-kaz:</u>***

Illi bazikament il-partijiet qablu dwar il-fatti tal-kaz izda ma qablux dwar ir-rimedji applikabbli. Jirrizulta li s-socjeta` rikorrenti akkwistat l-ghalqa denominata "Ta' Taht il-Gnien Santa Venera" sive "Ta' Misrah il-Barrieri" fil-kuntrada ta' Misrah il-Barrieri jew ta' Triq il-Harrub limiti ta' Santa Venera, permezz tal-kuntratt gia esebiti fl-atti tal-kawza u cioe` permezz tal-kuntratt tad-29 ta' Novembru 1969 fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Gatt. Huwa anke accettat mill-partijiet li l-partijiet minn din l-art ittiehdu permezz ta' espropriazzjoni li giet dikjarata fil-Gazzetta tal-Gvern tas-16 ta' Mejju 1975 taht l-Avviz Numru 333. F'dan l-avviz kien gie dikjarat li l-Gvern kien qieghed jesproprja tliet porzjonijiet art, kollha formanti parti mill-proprjeta` tas-socjeta` Vica Limited. B'kollox dan l-avviz esproprja 4550.6 metri kwadri mill-proprjeta` tas-socjeta` rikorrenti.

L-artijiet mertu tal-kawza huma koperti b’zewg dikjarazzjonijiet Presidenzjali, wahda li harget fil-15 ta’ April 1969 u l-ohra fil-15 ta’ Mejju 1975. In segwitu saret ricerka estensiva dwar il-provenjenza tat-titolu ta’ l-*area* shiha, liema ezercizzju kien necessarjament wiehed twil u kumplikat. Konsegwentement ghall-hrug ta’ dan l-Avviz fis-sena 1975 ma nbdew l-ebda proceduri effettivi u immirati sabiex ir-rikorrenti tigi mhallsa ghall-kumpens dovut lilha u dan ghal hafna snin. Fi Frar 1980 hargu notifiki tal-President akkumpanjati min-*Notice To Treat* kif jidher mid-dokumenti MF1, MF2 u MF3, pero` minkejja l-ittra responsiva tar-rikorrenti l-istess dipartiment ma kienx beda l-proceduri quddiem il-Bord kompetenti. Fis-sena 2000 riferibbilment ghall-Plot 6B kien hemm proceduri quddiem il-Bord ta’ l-Arbitragg ta’ l-Artijiet. Gew rilaxxati wkoll *plot* 6G u *plot* 4A. Id-Dipartiment ta’ l-Artijiet isostni li ma setax jirrilaxxja artijiet qabel l-awtorizzazzjoni tad-Dipartiment tat-Toroq. Saru diversi diskussjonijiet izda ma ntlahaqx ftehim finali.

***<u>D2. Ilment tar-rikorrenti:</u>***

Inoltre r-rikorrenti irriferiet ghall-fatti u sostniet li:
“Fit-trapass taz-zmien ta’ 25 sena minn mindu ttiehdet l-art sa meta gew istitwiti l-proceduri quddiem il-Bord sabiex jigi likwidat il-kumpens dovut lil Vica Limited, din sofriet pregudizzju sostanzjali billi tilfet l-uzu u l-pussess ta’ diversi plots ta’ art u kwalunkwe beneficcju minn pjanijiet kummercjali li l-istess socjeta` kellha fuq dawn l-artijiet; u fl-istess hin tilfet anke l-kumpens ghal tali tehid billi sal-lum ghadu ma nghatalha l-ebda kumpens fir-rigward ta’ din l-esproprjazzjoni.”

Ir-rikorrenti sostniet li l-agir tad-dipartiment ikkawza pregudizzju gravi lir-rikorrenti li kellha tibda proceduri gudizzjarji kontra Phoenix Domestic Appliances Limited (Citazz. 68/03JRM) u dan riferibbilment ghall-fatt li l-plot gie okkupat minn terzi (minn Phoenix Domestic Appliances Limited) meta din il-plot kienet ghand il-Gvern taht proceduri ta’ esproprjazzjoni – *plot* 6G. Inoltre gie rilaxxat favur is-socjeta` rikorrenti *plot* li ma giex uzat, u cioe` l-4D fit-13 ta’ April, 2004.

Skond in-nota tas-socjeta` rikorrenti:
“A bazi ta’ dawn il-fatti s-socjeta` rikorrenti qed taghmel allegazzjoni fir-rikors promotorju u cioe` wahda ta’ vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti fir-rigward ta’ likwidazzjoni u hlas ta’ kumpens xieraq fit-tehid ta’ proprjeta kif protett mill-artikolu 37 u 39(2) tal-Kostituzzjoni u taht l-Artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokoll tal--Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem … giet kreata vjolazzjoni tad-drittijiet taghha billi fid-determinazzjoni tal-kumpens dovut lilha ghat-tehid tal-proprjeta` d-Dipartiment ta’ l-Artijiet, bhala l-Awtorita` li kellha l-obbligu li tistitwixxi dawn il-proceduri damet 25 sena u aktar sabiex tibda dawn il-proceduri. Dan irid ukoll jittiehed fl-isfond tal-ligi li kienet applikabbli dak iz-zmien li kienet taghti din l-opportunita` li jinbdew il-proceduni quddiem il-Bord ta’ l-Arbitragg Dwar l-Artijiet biss lid-Dipartiment ta’ l-Artijiet ad eskluzjoni tal-persuna li tkun ittiehditilha l-proprjeta` … tali dritt jirrikjedi li jigi mhallas il-kumpens xieraq u adegwat u dan fi zmien xieraq u ragonevoli … skond provi mressqa ntwera wkoll illi kien hemm porzjonijiet ta’ art li ttiehdu ghall-ebda raguni u lanqas gew uzati jew addiritura intuzaw minn terzi, ghalhekk l-esponenti bir-rispett jissottometti li anqas u anqas kien hemm interess pubbliku ghat-tehid taghhom…”

***<u>D3. L-eccezzjoni tal-legittimu kontradittur:</u>***

L-eccezzjoni preliminari ta’ l-Avukat Generali hija li mhux il-legittimu kontradittur f’din il-kawza stante li hu ma jaghti ebda kumpens meta art tkun esproprjata ghal skop pubbliku u stante wkoll dak li jipprovdi l-Artikolu 181B tal-Kodici ta’ l-Organizzazzjoni u Procedura Civili li l-Avukat Generali jkun legittimu kontradittur biss meta minhabba n-natura tat-talba ma tkunx tista tigi indirizzata lejn hadd iehor. Fil-kaz odjern jidher li hemm hadd iehor li jista’ jirrispondi u ghaldaqstant l-Avukat Generali ghandu jkun liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez.

Fil-kawza fl-ismijiet **Brian Vella vs Avukat Generali tar-Republika, Registratur tal-Qorti u Kummissarju tal-Pulizija** (deciza minn din il-Qorti kif presjeduta fl-24 ta’ Novembru, 2004) intqal:

"l-art. 181B jipprovdi li l-Gvern, igifieri l-istat, ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni. Barra minn hekk is-subinciz (2) tal-istess artikolu jipprovdi wkoll li l-Avukat Generali jirrapprezenta l-Gvern f'dawk l-atti w azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra dipartimenti ohra tal-Gvern. Mela huwa l-Avukat Generali li jirrapprezenta lill-Gvern in rapprezentanza tal-Istat…"

Izda fl-istess hin jekk hemm persuna specifika mghobbija bir-responsabbilta` tal-haga ma jibqax aktar l-Avukat Generali izda jkun il-kap tad-dipartiment tal-Gvern inkarigat fil-materja in kwistjoni li jirrapprezenta fl-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji. Fil-kaz in ezami huwa car u identifikabbli li l-azzjoni hija diretta mis-socjeta` rikorrenti kontra l-Kummissarju ta' l-Artijiet u l-operat tieghu u ghalhekk il-Qorti ssib gustifikata l-eccezzjoni ta' l-Avukat Generali li f'dan il-kaz it-talba tista' tigi indirizzata lejn haddiehor biex jirrispondi ghat-talba tar-rikorrent. Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' l-eccezzjoni preliminari ta' l-Avukat Generali u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez.

***D4. Proviso ta' l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u artikolu 4 tal-Kap 319:***

Il-Kummissarju ta' l-Artijiet eccepixxa wkoll preliminarjament li din il-Qorti hija mistiedna li tezercita d-diskrezzjoni taghha u tiddeklina li tisma' l-kawza ai termini tal-*proviso* ta' l-artikolu 43 tal-Kostituzzjoni u ta' l-artikolu 4 tal-Kap 319 minhabba li jezistu rimedji ordinarji ghat-talbiet tar-rikorrenti. Il-Kummissarju ta' l-Artijiet sostna li l-Qorti ghandha l-gurisdizzjoni li tissindika att amministrattiv a tenur ta' l-artikolu 469A meta l-awtorita` pubblika tkun naqset milli tosserva l-principji tal-gustizzja naturali jew htigiet procedurali mandatorji fit-twettiq ta' l-ghemil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-ghemil. Il-Kummissarju ta' l-Artijiet sostna li jekk ir-rikorrent deherlu li n-*Notice To Treat* damet ma harget, huwa seta' fetah kawza ordinarja quddiem il-Prim'Awla biex isir l-istharrig gudizzjarju ta' l-azzjoni amministrattiva.

Din l-eccezzjoni giet sollevata fir-risposta izda l-Kummissarju ta' l-Artijiet. Inoltre fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu sostna:
"Illi rigward il-kwistjoni ta' l-espedizzjoni biex il-kumpens jigi determinat, jigi sottomess li l-Kodici Civili Malti jipprovdi rimedju effettiv lil min ihossu aggravat b' dewmien fl-adempjenza ta' xi obbligu li ma jkollux terminu (bhal ma huwa l-obbligu tal-hrug ta' l-avviz ghal ftehim'). Din hija l-azzjoni ordinarja ghall-fissazjoni ta' terminu ghal obbligazzjoni bla terminu kontemplata fl-Artikolu 1078(b) tal-Kodici Civili. Inoltre l-Kodici ta' Organizzazjoni u Procedura Civili jipprovdi rimedju ghal min ihoss ruhu aggravat b'agir amministrativ. Illi jekk is-socjeta` rikonrenti hasset ruhha aggravata mill-agir tal-Gvern (ghax, per ezempju deherilha li d-dewmien jikkostitwixxi illegalita` jew abbuz ta' poter), setghet titlob rimedju kif kontemplat taht l-artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghaldaqstant, ir-rikorrenti kellhom rimedju ordinarju x'jezawrixxu qabel ma jitolbu rimedju straordinanju taht il-Kostituzzjoni."

Fil-kawza fl-ismijiet **Stephen Falzon vs Registratur tal-Qorti et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili [LFS] fl-14 ta' Frar, 2002 il-Qort qalet:
"Fil-fehma tal-Qorti f'din il-kawza ghandu importanza kbira il-proviso tal-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni.

Fl-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni nsibu l-proviso li jghid:
"Izda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel, tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond dan is-subartikolu f'kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ohra."

Fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) deciza fid-29 ta' Ottubru, 1993 fl-ismijiet **Martin Gaffarena vs Kummissarju tal-Pulizija et** insibu:
"Maghmula dawn l-osservazzjonijiet, il-Qorti ser tidhol fil-meritu ta' l-eccezzjoni, u tibda biex tghid, kif persistentement minnha dikjarat u sostnut, illi, bhala regola, meta si tratta ta' kawza ta' din ix-xorta, il-Qorti ghandha tiddirigi ruhha lejn ir-rifjut tal-ezercizzju tas-

setghat taghha taht l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, mhux biss meta ma jistax isir mod iehor ghaliex ir-rimedju jkun essenzjalment residenti quddiem Qorti ohra, imma anke, per ezempju, meta l-indagini gudizzjarja u r-rimedju ghall-ilment ikunu sostanzjalment duplikati fiz-zewg mezzi miftuha ghal min ikun qieghed iressaq l-ilment. Meta l-aspetti ta' l-indagini ikunu ta' natura prevalentament kostituzzjonali, bir-rimedji propriji pedissekwi, ix-xejra ghandha tmur lejn l-esercizzju tas-setghat li l-Kostituzzjoni ta' Malta, fl-Artikolu 46 (2), taghti lil Qorti Civili Prim'Awla"

Il-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Marzu, 1994 fil-kawza fl-ismijiet **Dr. Mario Vella vs Joseph Bannister nomine**, wara li ezaminat numru ta' sentenzi kienet qalet hekk:
"Minn din ir-rassenja tas-sentenzi kemm tal-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili kif ukoll ta' din il-Qorti, jistghu jitnisslu dawn il-linji giurisprudenzjali:

(a) Meta huwa car li hemm mezzi ordinarji disponibbli ghar-rikorrent biex ikollu rimedju ghad-dannu li qed jillamenta, bhala principju generali dawn ghandhom jigu adoperati, u r-rikors ghall-organi gudizzjarji ta' natura kostituzzjonali ghandu jsir wara li l-ordinarji jigu ezawriti jew meta ma humiex disponibbli.
(b) Din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirrizultawx ragunijiet serji u gravi ta' illegalita' jew ta' gustizzja jew ta' zball manifest, ma tiddisturbax l-esrcizzju ta' diskrezzjonalita' ta' l-ewwel Qorti konferit mill-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni.
(c) Kull kaz ghandu l-fattispecie partikolari tieghu.
(d) Meta r-rikorrent ma jkunx ghamel uzu minn rimedju li setgha kellu, dan ma jfissirx li l-Qorti ghandha tikkonsidra li m'ghandiex tezercita l-gurisdizzjoni taghha jekk, dak il-possibli rimedju ma kienx pero' se jirrimedja hlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrent
(e) Meta r-rikorrent ma jkunx ezawrixxa r-rimedji ordinarji, jekk pero' dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa ghalih l-operat ta' haddiehor, allura ma jkunx desiderabbli li l-Qorti tieqaf u ma tipprocedix bit-trattazzjoni tal-kaz.
(f) Meta l-ewwel Qorti tezercita d-diskrezzjoni taghha u tieqaf mit-trattazzjoni minghajr ma tezamina l-materja necessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni ghandha tigi

ezercitata, il-qorti tat-tieni grad ghandha twarrab dik id-diskrezzjoni.”

Fil-kawza fl-ismijiet **Lawrence Cuschieri vs L-Onor. Prim Ministru** deciza fis-6 ta’ April, 1995, il-Qort Kostituzzjonali qalet:
“Hu veru li kull persuna tista' tirrikorri lill-Prim'Awla ghal rimedju ta' indole kostituzzjonali, imma l-ewwel subinciz ta' dak l-artikolu 46 irid jigi moqri mal-proviso tat-tieni subinciz tieghu li jipprovdi li l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel, tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond dak l-artikolu f'kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat "huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ohra". Hu veru wkoll illi din il-fakolta' hija diskrezzjonali ghall-Qorti imma hu car li l-ezercizzju ta' tali diskrezzjoni ma jistax ikun wiehed kapriccuz jew legger. Hu ovvju illi ma hux indikat - jekk mhux f'kazijiet verament eccezzjonali li jikkonvincu lill-Qorti mod iehor - illi l-ewwel Qorti tezercita s-setghat taghha sakemm kienu, huma jew ghadhom, miftuhin ghar-rikorrent rimedji ohra adegwati fil-parametri tal-ordinament gjudizzjarju, kemm dawk ordinarji permezz ta' appell kif ukoll dawk straordinarji permezz ta' ritrattazzjoni. Sakemm tibqa' l-possibilita' li l-lezjoni tad-dritt fondamentali setghet kienet jew ghad tista' tigi rettifikata bil-proceduri u mezzi provduti bil-ligi, ikun generalment il-kaz li l-Qorti tiddeklina milli tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha.”

Dawn l-istess principji kienu applikati fis-sentenzi tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) deciza fis-27 ta’ Lulju, 1995 fl-ismijiet **Paul Makay vs Kummissarju tal-Pulizija** u deciza fil-21 ta’ April, 1995 fl-ismijiet **Anton Scicluna pro et noe vs Prim Ministru**.

Dan il-proviso ghalhekk mhux xi wiehed li jista’ jittiehed b’mod laxk jew kapriccuz. Mhux intiz biex il-Qorti tahrab mir-responsabbilta’; izda minn-naha l-ohra il-Qorti ghandha l-obbligu li f’certu cirkostanzi tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha f’kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta’ rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu

disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ohra. Altrimenti tkun qedgha tagixxi ta' Qorti tat-tielet istanza – haga li tmur kontra l-ligi. Jekk kien hemm mezzi xierqa ohra il-Qorti ghandha tiddirigi ruhha lejn ir-rifjut tal-ezercizzju tas-setghat taghha taht l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, mhux biss meta ma jistax isir mod iehor ghaliex ir-rimedju jkun essenzjalment residenti quddiem Qorti ohra, imma anke meta l-indagini gudizzjarja u r-rimedju ghall-ilment ikunu sostanzjalment duplikati fiz-zewg mezzi miftuha ghal min ikun qieghed iressaq l-ilment. Ir-rikors ghall-organi gudizzjarji ta' natura kostituzzjonali ghandu jsir wara li l-ordinarji jigu ezawriti jew meta ma humiex disponibbli. Meta r-rikorrent ma jkunx ghamel uzu minn rimedju li setgha kellu, il-Qorti m'ghandiex tikkonsidra li tezercita l-gurisdizzjoni sakemm ma jirrizultax li dak il-possibli rimedju ma kienx pero' se jirrimedja hlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrent. Ghalhekk ma hux indikat - jekk mhux f'kazijiet verament eccezzjonali li jikkonvincu lill-Qorti mod iehor - illi l-ewwel Qorti tezercita s-setghat taghha sakemm kienu, huma jew ghadhom, miftuhin ghar-rikorrent rimedji ohra adegwati fil-parametri tal-ordinament gjudizzjarju, kemm dawk ordinarji permezz ta' appell kif ukoll dawk straordinarji permezz ta' ritrattazzjoni. "Sakemm tibqa' l-possibilita' li l-lezzjoni tad-dritt fundamentali setghet kienet jew ghad tista' tigi rettifikata bil-proceduri u mezzi provduti bil-ligi, ikun generalment il-kaz li l-Qorti tiddeklina milli tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha."

Issa fil-kaz in ezami hemm diversi aspetti li jridu jigu ezaminati:

il-kuncett ta' l-interess pubbliku (bin-necessita` u l-gid komuni);

l-applikazzjoni ta' l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta dwar il-protezzjoni minn privazzjoni ta' proprjeta` bla kunsens (u l-ewwel artikolu ta' l-Ewwel Protocol tal-Kap 319) (il-kuncett ta' proprjeta` ta' kull xorta, tehid ta' drittijiet jew interess fil-proprjeta`, kumpens xieraq, access ghall-qrati, u rimedju);

l-aspett ta' ksur *o meno* taht l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

Minn dan kollu jemergi car li fil-kaz in ezami l-Qorti m'ghandhiex tapplika l-p*roviso* ta' l-artikolu 46 (2) u ta' l-artikolu 4 tal-Kap 319 minhabba li r-rimedji ordinarji mhux sufficjenti ghal ezami u decizjoni ta' l-aspetti kollha sollevati mis-socjeta` rikorrenti.

***D5. Interess pubbliku jew skop pubbliku:***

F'kazijiet bhal dawn hu neccessarju li jsir ezami mill-Qorti tal-kuncetti ta' interess pubbliku u skop pubbliku u l-implikazzjonijiet li dawn jista' jkollhom fuq it-tehid ta' proprjeta` li jinsab protett taht l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta).

L-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea jghid hekk:-
"Kull persuna naturali jew persuna morali ghandha dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghha. Hadd ma ghandhu jigi ipprivat mill-possedimenti tieghu hlief **fl-interess pubbliku** (enfazi tal-Qorti) u bla hsara tal-kondizzjonijiet provduti bil-ligi u bil-principji generali tal-ligi internazzjonali.

Izda d-dispozizjonijiet ta' qabel ma ghandhom b'ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhirlu xierqa **biex jikkontrolla l-uzu ta' proprjeta' (enfasi tal-Qorti)** skond l-interess generali jew biex jizgura l-hlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet ohra jew pieni."

Dan l-artikolu allura jipprotegi d-dritt specifiku:
*"to the peaceful enjoyment of possessions the right to have, to use, to dispose of, to pledge, to lend, even to destroy one's possessions. As the Court said in the Marks case "article 1 is in substance guaranteeing the right of property". Enjoyment is protected principally against interference by the State" (Theory and Practice of the European Convention of Human Rights, E. Van Djke, G.J.H. Van Hoof, second edition p. 516 et seq);*

Fil-kawza deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili [I. A Manche`] fit-12 ta' Dicembru 1989 fl-ismijiet **Perit Joseph Barbara vs Kummissarju ta' l-Art** inghad li hadd ma

jista` jigi mgieghel jitlaq minn idejh proprjeta` tieghu jew ihalli lil haddiehor jaghmel uzu minnha, hlief ghal skop pubbliku u bi hlas ta' indennizz gust.

Fil-kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell Civili Superjuri fit-30 ta' Dicembru, 1993 fl-ismijiet **Dr. Carmelo Vella et vs Is-Segretarju tad-Djar et** [1][LXXVII-II-390] inghad:
"Il-pubbliku nteress li f'ismu jittiehdu dawn id-decizjonijiet u jsiru dawn l-atti mill-awtorita` pubblika – emanazzjoni tar-*res pubblica*, l-universalita` tar-*res* li fiha jingabar il-gid komuni tac-cittadini kollha, u ghal-liema gid komuni huma diretti l-ligijiet – qatt ma jista' jkun riferit ghal kwalsiasi interess privat. L-interess huwa dejjem privat meta m'ghandux applikazzjoni ghall-generalita` tac-cittadini, ta' l-universalita` tal-pubbliku fl-istat. Ir-ragunament fis-sentenza **Galea versus Holland** (Qorti ta' l-Appell, 20 ta' Jannar 1980) huwa fallaci ghaliex l-uzu ta' fond ghal skopijiet kulturali jista' jkun maghmul fl-interess pubbliku jekk l-attivita` kulturali tkun maghmula minn awtorita` pubblika u mhux meta tkun maghmula minn persuna jew assocjazzjoni privata, billi l-uzu, fl-ewwel lok, huwa fl-interess ta' dik il-persuna jew assocjazzjoni. Il-possibilita` ta' access tal-pubbliku ghal dik l-attivita` ma tittrasformahiex b'daqshekk minn attivita` li hija intrinsikament privata f'attivita` intrinsikament pubblika. U difatti dik l-accessibilita` tista' tigi ristretta u tirritratta kif jidhirlu l-interess privat";

Fil-kawza deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta' April, 1996 fl-ismijiet **Perit Dom Mintoff vs Onor. Prim Ministru** [2] [LXXX-I-207] il-Qorti ezaminat il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u ghamlet sunt tassew interessanti tal-kazijiet imsemmija li huma l-aktar importanti fl-interpretazzjoni ta' l-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u din tinsab publikata f'pagni 261 sa 270 u l-Qorti mhix qedgha tinkludiha

[1] Fejn fondi rekwisizzjonati gew allokati lis-Socjeta' Filarmonika San Leonardo
[2] Fejn ftit wara l-elezzjoni tal-1987 gie deciz li jinbena Power Station f'Marsaxlokk, u r-raba' vicin tad-dar tar-rikorrent kienet giet espproprijata, u inbniet cumnija vicin, kif ukoll saret mina taht, u dan kollu sar vicin tad-dar tar-rikorrent.

semplicement minhabba t-tul taghha. Qieghedha pero` tikkwota parti minn pagni 270, 271 fejn jinghad:
“Minn kif tikkonkludi din il-Qorti jemergi minn din ir-rassenja ta’ gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem, is-segwenti process mentali:

Fl-ewwel lok, l-artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokoll Addizzjonali tal-Konvenzjoni Ewropeja jipprotegi mhux biss kontra l-esproprjazzjoni vera u proprja fis-sens klassiku kif nafuh, izda anke kontra l-esproprjazzjoni *de facto* u cioe` kif intqal fil-kaz ta’ Fredin, f’dawk ic-cirkostanzi li fis-sustanza jekwivalu ghal esproprjazzjoni.

Ghall-fini ta’ l-artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokol Addizzjonali ghall-Konvenzjoni l-kelma “*possessions*” fit-*text* Malti “possedimenti” ghandha tircievi sinifikat ampju u fit-tutela taht dan l-artikolu hemm inkluz ukoll dik kontra interferenzi fl-uzu u t-tgawdija tal-proprjeta` u tad-drittijiet relattivi;

Fl-ewwel stadju tal-process mentali li jrid jaghmel il-gudikant, ghandu jigi stabbilit, l-ewwel u qabel kollox, jekk effettivament kienx hemm esproprjazzjoni vera u proprja kif ukoll de facto jew inkella thalliex integru d-dritt ta’ proprjeta` pero` saret ingerenza u interferenza fit-tgawdija pacifika ta’ l-istess. Sussegwentement il-gudikant irid jara jekk din il-privazzjoni saritx fl-interess pubbliku u taht kundizzjonijiet ben definiti bil-ligi. Fl-ahhar nett ghandu jigi rikonoxxut lill-Istat id-dritt u l-poter illi jirregola l-uzu tal-proprjeta` in konformita` ma’ l-interess generali. F’dan l-ezercizzju, specjalment f’dak finali, l-Istat ghandu jgawdi margini lat ta’ diskrezzjoni, dejjem pero`, entro l-limiti li jassikuraw li bejn il-mezzi adoperati u l-iskop persegwit hemm dak il-proporzjon li ghalih jaghmlu referenza s-sentenzi tal-Qorti Ewropeja u b’mod illi min ikun sofra ingerenza jew privazzjoni tal-proprjeta` tieghu ma jkunx gie assoggettat ghal sagrificcju partikolari u esorbitanti, cioe` eccessiv;”

Fil-kawza fl-ismijiet **John Bugeja nomine vs Kummissarju ta' l-Artijiet**[3] deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili [I. A Magri] fl-4 ta' Ottubru, 1996 il-Qorti sostniet li:
"Din il-Qorti taqbel li l-kliem tal-artikolu 6 jorbtu lic-cittadin izda tifhem li l-limitazzjoni imposta fuq il-privat qedha hemm, biex, fil-mument tad-dikjarazzjoni presidenzjali dan (cioe` c-cittadin) ma jkunx jista' jressaq proceduri gudizzjarji intizi biex din id-dikjarazzjoni tigi attakkata fil-Qrati ordinarji w b'dan il-mod il-poter tal-istat li jiehu forzozament proprjeta privata jigi stultifikat. Id-dritt tal-istat li jiehu proprjeta` privata huwa rikonoxxut sew mill-Kostituzzjoni kemm ukoll mill-Konvenzjoni Ewropeja, dment li jigi ezercitat konformement mas-salvagwardji imposti mill-istess Kostituzzjoni u Konvenzjoni. Izda jekk il-fatti sussegwentement ghal dik id-dikjarazzjoni w tehid forzuz tal-pussess ta' proprjeta` juru li jonqos l-element ta' l-"interess pubbliku", ma jistax ic-cittadin, "*a priori*" jigi eskluz mid-dritt li jikkontesta d-dikjarazzjoni presidenzjali. Altrimenti d-dikjarazzjoni ta' "interess pubbliku" ssir biss umbrella ghall-agir totalitarju tal-Gvern li facilment ikun jista' jinheba wara din id-dikjarazzjoni sabiex jakkapparra proprjeta` privata biex wara jaghmel biha li jrid - anke jittrasferiha lill-persuni jew enti privati.…

ghalkemm id-dikjarazzjoni, per se, mhux kontestabbli, ic-cirkostanzi futuri jistghu jaghtu lok ghal ripensament dwar l-uzu li ghandu jsir minn dik l-art."

Ukoll fil-kawza deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili [I. A Magri] fit-18 ta' Jannar 1999 fl-ismijiet **Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq vs Avukat Generali et**[4] inghad li jekk post jittiehed mill-Gvern b'espropjazzjoni

---

[3] Fejn id-dikjarazzjoni tal-Gvern ghall-esproprijazzjoni saret fl-1974 ghal art il-Marsa u fl-1991 gie dikjarat li porzjoni minnha ma kienitx aktar mehtiega ghal skopijiet pubblici, u liema art giet assenjata lill-Malta Shipbuilding Company Limited biex din utilizzata bhala car park privata.

[4] Ghal perjodu twil ta' hafna snin ma kien hemm ebda kontestazzjoni da parti tar-rikorrenti dwar il-validita' tad-dikjarazzjoni tal-Gvernatur fuq il-htiega tat-tehid forzuz tal-imsemmija proprjeta' ghal skop pubbliku. Infatti jirrizulta li bejn in-1958 u in-1976, meta gew istitwiti l-proceduri quddiem l-Bord tal-Arbitragg dwar Artijiet, kienu ghaddejin trattativi bejn is-sid u l-awtorita' esproprjanti sabiex jigi determinat l-kera xieraq u jigi

ghal *possession and use* ghax mehtieg ghal skop pubbliku ma jistax wara jinghata lil terzi persuni ghal skop kummercjali. Din twassal ghan-nullita` ta' l-espropjazzjoni. F'din il-kawza jinghad:
"Issa l-Kap 88 (gia Kap 136) huwa intiz biex jirregola l-**akkwist** ta' artijiet u mhux semplicement biex jikkontrolla l-uzu tal-istess. Il-mod kif tali art tigi akkwistata u cioe b'xiri assolut, pussess u uzu jew b'dominju pubbliku hija irrilevanti billi mill-mument tad-dikjarazzjoni tal-Gvernatur illum tal-President ta' Malta, dik l-art tohrog mill-pussess ta' sidha u tali pussess jghaddi f'idejn l-awtoritajiet. Dan johrog car mill-provvedimenti ta' l-Artikolu 12 tal-istess Kap 88…

L-interess pubbliku f'kazi ta' tehid ta' proprjeta privata hija l-konsiderazzjoni principali meta jigi ezaminat jekk tali tehid huwiex konformi mad-drittijiet fondamentali konferiti mill-Konvenzjoni Ewropea.

---

stabbilit liema ambjenti jkunu milquta bl-esproprjazzjoni. Alfio Testaferrata Bonici Ghaxaq oggezzjona ghal kera offrut bhala inadegwat, oppona ukoll ghall akkwist b'titolu ta' pussess u uzu peress li l-intimat kien sejjer "jikkonverti l-fond ghal parti accessorja tat-Teatru Manoel b'mod li din id-dar ma tibghax tezisti iktar fl-entita' taghha pristina". Kien biss wara xi zviluppi li graw fil-1991 li r-rikorrenti bhala proprjetarja tal-fond in kwistjoni hasset li d-dikjarazzjoni originali tal-Gvernatur tal-1958 ma kienetx aktar valida. Infatti gew mressqa provi li jindikaw li, ghalkemm l-ambjenti tal-fond fuq imsemmi jservu skop kulturali u diversiv li huwa l-ghan ewlieni tat-tnexxija tat-Teatru kif jipprovdi l-Manoel Theatre Management Committee, l-ambjenti kollha formanti l-proprjeta' in kwistjoni, hlief ghal xi ufficini uzati mill-Manoel Theatre Management Committee, jinsabu moghtija lil privat u cioe l-Miveda Co. Ltd. li tiggestixxi, taht titolu ta' kera u profit sharing, ir-restaurant Vilhena u l-bar, il-Patrimonju Publishing Limited li tikri xi ambjenti fit-tieni sular u l-Friends of The Manoel Theatre li jikru is-sala Isouard ghal funzjonijiet privati. Il-Manoel Theatre Management Committee, li hija l-enti nazzjonali inkarigata mit-tmexxija tat-teatru nazzjonali, tuzufruwixxi minn dawn l-arrangamenti ma' terzi privati billi, kif jidher tinkassa cirka LM5,000 jew LM6,000 fis-sena.

Il-koncett ta' interess pubbliku ma jsib ebda definizzjoni la fil-Konvenzjoni, u lanqas fil-Kostituzzjoni ta' Malta. L-istess Kostituzzjoni tissoggetta d-dritt lill-Gvern ghat-tehid obbligatorju ta' proprjeta meta hemm disposizzjonijiet ta' ligi applikabbli ghal dak it-tehid ta' pussess jew akkwist. Issa l-Kap 88 li hija l-ligi li tirregola tali tehid, jiddefinixxi "skop pubbliku", bhala dak li ghandu x'jaqsam ma' l-uzu eskluziv tal-Gvern jew ma l-uzu pubbliku generali, jew li ghandu x'jaqsam ma jew jiswa ghall-interess jew qadi tal-pubbliku (sew jekk l-art tkun ghall-uzu tal-Gvern sew jekk le) ..... u jfisser ukoll kull skop iehor imsemmi bhala pubbliku minn xi ligi."

L-artikolu 3 ta’ l-istess Ordinanza jaghti l-fakulta` lill-President ta' Malta li jiddikjara illi art hija mehtiega ghal skop pubbliku. Tali dikjarazzjoni hija prova tan-natura pubblika tat-tehid billi skond l-artikolu 6 hadd ma jista' jitlob prova barranija.

Maz-zmien u bl-izvilupp ta' gurisprudenza f'dan ir-rigward din ir-rigidita' fl-interpretazzjoni ta' x'jammonta ghall-skop pubbliku, issubiet kambjamenti u l-Qrati bdew jezaminaw jekk t-tehid forzuz ta' proprjeta' taht l-umbrella tal-ligi, kienx verament fl-interess pubbliku jew jekk kienx rizultat ta' xi abbuz ta' l-awtoritajiet. Bdiet tigi adoperata l-mizura ta' x'inhu accettabbli f'socjeta' demokratika…

Izda fil-fehema ta' din l-Qorti l-interess intrinsikament privat ta' uhud li jibbenefikaw essenzjalment minn negozju gestit minn proprjeta' tar-rikorrenti jxejjen dak l-interess pubbliku li trid il-Konvenzjoni Ewropea sabiex tehid forzuz ta’ proprjeta` jkun gustifikat.”

Interessanti ferm ghas-suggett in ezami hu dak li ntqal fil-kawza deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-6 ta’ Ottubru, 1999 [LXXXIII-I-246] fis-sentenza tal-kawza fl-ismijiet **John Mousu`et vs Direttur tal-Lottu Pubbliku et**[5]. Il-

[5] Il-fatti ta’ dan il-kaz graw hekk. Missier ir-rikorrenti, kien kera fond il-Furjana lil Carmel Bezzina b’effett mill-1966 u fl-1977 kienet ippubblikata Dikjarazzjoni tal-President ta’ Malta dwar Akkwist ta’ Artijiet ghal Skopijiet Pubblici. Id-dikjarazzjoni, li kienet imxandra ghall-ghanijiet ta’ l-artikolu 9 (1) ta’ l-Ordinanza,

Qorti ghamlet l-evaluwazzjoni taghha u enfasizzat id-distinzjoni bejn "l-iskop pubbliku" u "l-interess pubbliku". Qalet:
"Interess pubbliku u skop pubbliku:

Minn dan l-argument ir-rikorrenti jridu jaslu ghall-konkluzjoni li ma jistax jinghad "li l-fond in kwistjoni jrid jitqieghed biex jintuza ghal skop pubbliku minn terza persuna li hija self-employed". Ma rridux ninsew, izda li dak li tippermetti l-Konvenzjoni mhux li t-tehid ta' proprjeta` privata jsir "ghal skop pubbliku", izda li jsir "fl-interess pubbliku". Jekk ir-rikorrenti jridu jghidu li hemm principju assolut, li jghodd dejjem, li jghid li t-tehid ta proprjeta` ma jkunx fl-interess pubbliku kull meta l-hsieb tal-Gvern ikun li l-proprjeta` mehuda jaghtiha lil privati ohra, din il-Qorti ma taqbilx maghhom. Hekk qalet din il-Qorti (ippresjeduta minn Imhallef iehor), f'sentenza moghtija fil-25 ta' Lulju, 1996 fil-kawza fl-ismijiet **Vincent Borg *versus* Prim Ministru et**:

"Naturalment, din il-Qorti ma tistax teskludi li jista' jkun hemm sitwazzjonijiet fejn art tittiehed minghand persuna biex tinghata lil persuna ohra u dan ikun fl-interess pubbliku. Dan jista' jsehh f'kuntest tal-promozzjoni tal-gustizzja socjali, bhalma gie anke rikonoxxut mill-Qorti Ewropeja fil-kaz **James vs U.K.** (1986). Kull kaz irid jigi ezaminat u vvalutat fuq il-fattispecje partikolari tieghu. Fl-ahhar mill-ahhar hi l-Qorti li, fil-kaz konkret, trid tkun

---

tghid illi l-fond ***de quo*** hu mehtieg ghal skop pubbliku u illi l-akkwist ghandu jsir b'xiri assolut. Billi ma kien intlahaq ebda ftehim bejn is-sidien u d-Dipartiment ta' l-Artijiet dwar il-kumpens li jmiss lis-sidien, kien sar rikors quddiem il-Bord ta' l-Arbitragg dwar Artijiet u l-Bord, wara li ffissa l-kumpens, kien hatar Nutar biex jippubblika l-Att ta' Akkwist. L-akkwist, izda, baqa' ma sarx, ghax id-Dipartiment ta' l-Artijiet sab xi diffikultajiet dwar il-provenjenza tat-titolu tas-sidien u dwar id-denunzja ghall-ghanijiet tat-taxxa tal-mewt. Madankollu, ghalkemm il-kuntratt baqa' ma sarx, jidher lir-rikorrenti kienu lesti li jidhru fuq il-kuntratt u jiehdu l-kumpens stabbilit mill-Bord, tant li lkoll iffirmaw prokura biex jaghtu lir-rikorrent John Mousu` s-setgha li jidher ghalihom fuq l-Att.

sodisfatta li dak li qed isir jew li bi hsiebu jsir hu fl-interess pubbliku"; (Kollezz. pg. 258)…

"Zewg koncetti li mhumiex ko-estensivi. Dan ghaliex l-iskop pubbliku hu, fil-fehma ta' din il-Qorti, aktar wiesgha, marbut mal-finalita` ahharija li ghaliha l-fond ikun qed jigi esproprijat, u mhux necessarjament limitat b'definizzjoni preciza. Filwaqt illi l-interess pubbliku kellu jirrizulta attwali u ben definit b'mod li jipprova li l-esproprjazzjoni tkun mehtiega biex tiggova lill-komunita` anke jekk dan kien mehtieg li jsir a skapitu ta' l-interess privat. Hu ghalhekk illi l-eccezzjoni fl-artikolu 1 ghall-principju fondamentali li hadd ma ghandu jigi pprivat mill-possedimenti tieghu, "hlief fl-interess pubbliku" kien jimporta necessarjament ezercizzju ta' investigazzjoni bejn l-interssi tal-pubbliku in generali u l-interessi ta' persuna privata li tkun ser tigi mcahhda mid-dritt tat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghha, bhala eccezzjoni ghad-dritt fondamentali b'dak l-artikolu enuncjat;

"L-ewwelnett irid jigi nnotat li hemm differenza sostanzjali bejn l-iskop pubbliku li hemm imsemmi fl-artikoli 3, 4, 8(1) tal-Kap 88 u l-interss pubbliku li ssemmi l-Kostituzzjoni. Kwazi fl-artikoli kollha tal-Kap. IV, jigifieri dak li jittratta d-drittijiet fondamentali … u f'dan it-terran … il-kompitu taghha (tal-Qorti Kostituzzjonali) huwa li tezamina u tiddefinixxi l-kontenut u limiti ta' l-interess pubbliku u safejn dan jista' jiggustifika l-intruzzjoni tal-poter pubbliku fl-isfera tad-drittijiet fondamentali tal-persuna u tal-privat" (Vol. LXXV, pt. I, p. 332 et seq);" (Kollezz pg 271, 272).

Fil-kawza fl-ismijiet **Mario Cutajar noe vs Kummissarju tal-Art et**[6] deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta' Novembru, 2001 jinghad li:

---

[6] F'dan il-kaz s-socjeta' rikorrenti kienet proprjetarja ta' bicca art fabbrikabbli fi Psaila Street, liema art hija vicin ghal bicca art ohra fl-imsemmija trejqa li ma tinfidx appartenenti lis-socjeta' Golden Shepherd Group Ltd. u li fuqha din l-ahhar imsemmija socjeta' kienet ser tibni u tmexxi sptar privat maghruf bhala "St. Philip Private Hospital"; illi l-applikazzjoni ghall-bini ta' dan l-isptar privat giet approvata dment illi l-entratura minn Psaila

“Tikkunsidra s-segwenti:-

a) Ma jista’ jkun hemm assolutament l-ebda dubju li l-operazzjoni u t-tmexxija ta’ sptar privat, anke jekk immexxi fuq linji kummercjali, ghandha kontenut socjali qawwi in kwantu tali servizz ta’ kura jifforma parti mill-infrastruttura ta’ kura accessibbli ghall-pubbliku in generali. Dan jakkwista aktar sinifikat f’cirkostanzi fejn l-Istat – kif hu pacifiku li sehh fiz-zmien rilevanti – jadotta politika li jiffavorixxi l-partecipazzjoni tal-privat biex jipprovdi facilitajiet ta’ kura alternattivi ghal dawk ta’ l-Isptarijiet pubblici. Ma kien hemm allura l-ebda dubbju illi l-fatt li kien ser jigi zviluppat Sptar privat kien fih innifsu zvilupp ta’ interess pubbliku.

b) Wisq anqas jista’ jkun hemm dubbju illi l-holqien u l-kostruzzjoni ta’ toroq li jipprovdu access ghall-pubbliku in generali minn post ghal iehor hu forsi il-manfestazzjoni l-aktar cara u qawwija ta’ servizz moghti lill-pubbliku. Il-pubblicita’ fl-uzu ta’ toroq li jiggarantixxu access ilha minn zmien immemori, sa minn qabel l-Imperu Ruman, rikonoxxuta bhala wahda mill-funzjonijiet essenzjali ta’ l-attivita’ ta’ l-Istat. Infatti, fil-fehma tal-Qorti, l-appellant ma setax isib raguni aktar dghajfa minn dik taht ezami biex jikkontesta l-operat ta’ l-awtoritajiet kompetenti citati f’din l-istanza.

c) Certament ma seta’ jkun hemm l-ebda limitazzjoni fuq il-jedd ta’ l-Istat li jipprovdi toroq ghall-access tal-pubbliku ghal kwalunkwe destinazzjoni, sew jekk hi wahda ta’ indole pubblika, kif ukoll ta’ indole privata, ghaliex dan

---

Street titwessa’ u ghal dan il-ghan fil-Gazzetta tal-Gvern giet ippubblikata Ordni ta’ Esproprijazzjoni li permezz taghha gie mgharraf li giet esproprijata bicca art mill-art fuq imsemmija proprjeta’ tas-socjeta’ rikorrenti; Is-socjeta’ rikorrenti sostniet li kontrarjament ghal dak li hemm dikjarat fil-fuq imsemmija Ordni, din l-esproprijazzjoni mhix qed issir ghal skop pubbliku kif hemm mahsub fil-Kapitolu 88 tal-Ligijiet ta’ Malta u mhix qed issir fl-interess pubbliku izda sabiex jigi akkomodat l-interess purament privat ta’ Golden Shepherd Group Ltd., fl-investiment progettat taghha;

kien propju l-mezz kif jassigura l-izvilupp ordinat tal-pajjiz…

Kien ghalhekk ukoll illi filwaqt illi l-principju rikonoxxut mill-organi gudizzjarji ewropej kien illi "*the taking of property without payment of an amount reasonably related to its value would normally constitute a disproportionate interference, legitimate objectives of "public interest" such as pursued in measures of economic reforms or measures designed to achieve a greater social justice, may however call for less than the reimbursement of the full market value..*.

Kif sewwa gie ritenut minn din il-Qorti f'diversi insenjamenti taghha, fosthom fis-sentenza "**Dr. Carmelo Vella et vs Segretarju tad-Djar et**" li fuqha strah l-istess appellant fir-rikors ta' l-appell tieghu "haga jew ghemil ma jitqiesx li sar fl-interess pubbliku jekk jaqdi l-interess privat. L-interess huwa dejjem privat meta m'ghandux applikazzjoni ghall-generalita' tac-cittadini". Fil-kaz taht ezami l-esproprjazzjoni manifestament kellha applikazzjoni ta' beneficcju ghall-kollettivita'."

Fil-kawza fl-ismijiet **Pawlu Cachia vs Avukat Generali et**[7] deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-28 ta' Dicembru, 2001 il-Qorti accennat ghas-segwenti principji [liema principji jkomplu jelaboraw l-insenjament ta' din il-Qorti f'gjudikati ohra, fosthom fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet "**L-Onor. Perit Dominic Mintoff et vs Onor Prim Ministru et**", deciza fit-30 ta' April, 1996]:

[7] Ir-rikors kien jirrigwarda art u fond f'Benghajsa propjeta' tar-rikorrent li harget fuqha kl-ittra ufficjali ghal xiri assolut fl-1969, kif ukoll hareg l-avviz ghal ftehim dwar il-kumpens, liema kumpens ir-rikorrent ma accettax. Meta gie intavolat ir-rikors parti mill-art qed tintuza mill-Malta Freeport, parti sostanzjali ta' l-art, inkluz il-fond "Falcon House" kienet r-residenza tar-rikorrent u ghalhekk fil-pussess tieghu. Il-Gvern ghadu ma utilizzax dawn il-partijiet, izda l-Gvern baqa jirrifjuta kli jirrilaxja dawn l-artijiet. Ghalhekk ir-rikorrent sostna li ma jezistix interess pubbliku ghat-tehid ta' dawn l-artijiet.

a) Il-ligijiet li jaghtu s-setgha lill-Istat li jesproprja proprjeta' ta' individwi huma rikonoxxuti bhala mehtiega f'socjeta' demokratika biex jassiguraw l-attwazzjoni ta' zvilupp socjali u ekonomiku fl-interess tal-kollettivita'. Hu pacifiku li dan id-dritt huwa rikonoxxut kemm fl-art. 37 tal-Kostituzzjoni kif ukoll fl-ewwel artikolu ta' l-ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Infatti l-Kostituzzjoni tipprovdi li ebda haga fl-art. 37, li jenuncja l-jedd fondamentali ta' l-individwu kontra t-tehid obligatorju tal-proprjeta' tieghu, "m'ghandha tinftiehem li tolqot l-ghemil jew il-hdim ta' xi ligi sa fejn tipprovdi ghat-tehid ta' pussess jew akkwist ta' proprjeta'..............." Fl-istess vena l-ewwel artikolu ta' l-ewwel Protokoll, li wkoll jenuncja l-istess dritt, jipprovdi li d-disposizzjonijiet f'dak l-artikolu "m'ghandhom bl-ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhirlu xierqa biex jikkontrolla l-uzu ta' proprjeta' skond l-interess generali jew biex jizgura hlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet ohra jew pieni".

b) Kellu jkun ukoll manifest illi d-dritt moghti lill-Istat li b'ligi jesproprja l-proprjeta tal-privat, ma kienx u ma huwiex wiehed assolut u insindakabbli, izda kellu jigi ezercitat strettament fil-parametri stabbiliti mhux biss fil-ligi li tawtorizza l-esproprju, imma wkoll fl-osservanza shiha tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni. F'dan ir-rigward l-operat ta' l-Istat hu soggett ghall-verifika mill-organi gudizzjarji.

c) Id-dritt ta' l-esproprju moghti lill-Istat ghandu jitqies li hu eccezzjoni, ossia limitazzjoni tad-dritt fondamentali ta' kull individwu li jgawdi il-proprjeta' pacifika tal-possedimenti tieghu. Dan ifisser li l-jedd ta' l-individwu kellu jipprevali fejn l-Istat ma jkunx issodisfa adegwatament l-osservanza tad-dettami tal-Kostituzzjoni, tal-Konvenzjoni jew tal-Ligi li bis-sahha taghha agixxa. Il-limitazzjonijiet tal-jeddijiet fondamentali, kif enuncjati kemm fil-Kostituzzjoni kif ukoll fil-Konvenzjoni, kellhom allura jigu applikati restrittivament fis-sens li f'kaz ta' dubju dak id-dubju kellu jmur favur l-individwu u mhux favur l-Istat. Dan naturalment ma jfissirx li fejn l-Istat ghandu margini wiesgha ta' azzjoni dan kellu jigi b'xi mod imnaqqas jew imxekkel b'xi process ta' interpretazzjoni.

d) Una volta l-limitazzjoni kienet favur l-Istat, kien jispetta lil, u jinkombi fuq, l-Istat li jipprova adegwatament li fil-kaz partikolari taht ezami kienu jokkorru dawk l-elementi *sine qua non* mehtiega biex jintitolawh jagixxi fil-konfront ta' l-individwu b'mizura, in forza ta' ligi, li tkun ser tipprivah mill-possedimenti tieghu jew l-uzu taghhom. Rikonoxxut li d-dritt ta' l-Istat li jesproprja jew jillimita l-uzu tal-possedimenti ta' l-individwu kien jikkostitwixxi deroga tal-jedd fondamentali u limitazzjoni tieghu, kien car illi dak id-dritt kellu jigi ezercitat biss fejn u sa kemm kien necessarju. Dan ghax kien fuq kollox obbligu primarju ta' l-Istat li jirrikonoxxi d-drittijiet fondamentali ta' individwu, iwettaqhom u jharishom. L-Istat allura, ma kellux, bla raguni valida u gustifikattiva skond il-ligi, il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni, bla bzonn ixekkel il-jedd ta' individwu ghat-tgawdija tal-possedimenti tieghu, u tali xkiel fejn mehtieg, kellu mhux biss ikun proporzjonat, mal-htigijiet tal-kollettivita' imma wkoll ma kellux jestendi lil hinn mill-htigijiet taghha. Minn dan johrog il-principju bazilari ghall-mertu taht ezami li fejn il-process tat-tehid tal-proprjeta' ma jkunx gie konkjuz, u allura il-mizura setghet titqies f'dak l-istadju bhala wahda ta' tehid ta' pussess jew regolament ta' uzu ta' proprjeta', l-Istat kellu l-obbligu li jirrilaxxja l-possediment lill-individwu, proprjetarju taghhom biex igawdihom appena ikun jirrizulta li ma kienetx ghadha tokkorri r-raguni valida u gustifikattiva li pprovokat l-azzjoni ta' l-Istat."

Ta' min jinnota li fil-kawza fl-ismijiet **Salvatore Abdilla vs Onor. Segretarju Parlamentari ghall-Ambjent u Artijiet u Kummissarju ta' l-Artijiet**[8] il-Qorti Kostituzzjonali fit-30

[8] L-allegazzjoni tar-rikorrent kienet li l-intimati dahlu fl-art tieghu abuzivament u illegalment fin-nuqqas ta' Dikjarazzjoni Presidenzjali antecedenti. Din il-proprjeta` tar-rikorrenti kienet tikkonsisti f`Razzett u bicca art mieghu li kienu jinsabu f`Notabile Road, Zebbug. Dan ir-razzett twaqqa' fis-sena 1985 u kemm l-art sottostanti kif ukoll dik il-bicca art li kellu mieghu gew inkorporati, kwazi fl-intierezza taghhom, fi progett ta twessiegh ta' triq. Skond ir-rikorrent l-art tieghu ttiehdet biex jigi vvantaggat certu Lorry Zammit li, mhux 'l boghod min fejn kellu l-art l-appellant, kellu l-hsieb li jiftah *petrol station* (din il-*petrol station* spiccat biex ma fethet qatt). Skond l-appellant, bl-art li ttehditlu it-triq twessghet b'tali mod li giet kwazi tizbokka

ta' Mejju 2003 ikkwotat s-sentenza taghha [diversament komposta] tat-30 ta' Novembru, 2001 fl-ismijiet **Mario Cutajar noe vs Il-Kummissarju ta' l-Art et** fejn kienet qalet:
"Il-Qorti Ewropea fir-rigward tas-sinjifikat tat-terminu "the public interest" fl-ewwel artikolu ta' l-ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, irriteniet illi "a deprivation of property effected for no reason other than to confer a private benefit on a private party cannot be "in the public interest". Nonetheless the compulsory transfer of property from one individual to another may, depending upon the circumstances, constitute a legitimate aim for promoting the public interest". Din l-enuncjazzjoni ta' principju fil-kawza James and others (1986) giet ulterjorment elaborata fl-istess gudizzju hekk: "The taking of property effected in pursuance of legitimate social, economic or other policies may be "in the public interest" even if the community at large has no direct use or enjoyment of the property taken".

In forza ta' dan ikkonfermat din il-parti tas-sentenza tal-Prim'Awla fejn kienet qalet:
"Huwa fatt, pero`, illi ancorche` huwa veru dak li jallega r-rikorrenti li t-tehid ta' l-art tieghu saret biex takkomoda l-interessi ta' terz privat (u din il-Qorti tasal biex taccetta li almenu t-tehid sar ukoll fl-interess ta' dan it-terz), b'daqshekk mhux eskluz l-iskop pubbliku kontemplat fl-Artikolu 2 tal-Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta li, kif inghad, ma jeskludix il-possibilita` li l-akkwist ikun jinvolvi interess ta' terz; tant hu hekk li 'skop pubbliku' huwa definit, fost ohrajn, bhala dak l-iskop "li ghandu x'jaqsam ma' jew jiswa ghall-interess jew qadi tal-pubbliku (sew jekk l-art tkun ghall-uzu tal-Gvern sew jekk le)" [9] u m'hemmx dubbju li 'Petrol Station' hija ghall-qadi tal-pubbliku."

---

go din il-*petrol station* li kienet ippjanata, b'mod li min ikun ghaddej mit-triq jispicca effettivament ikollu jidhol, irid jew ma jridx, f'din il-*petrol station*, b'vantagg ekonomiku evidenti ghall-istess Zammit.

[9] Hawnhekk l-ewwel Qorti kienet evidentement qed tikkwota mid-definizzjoni ta' "skop pubbliku" moghtija fl-Artikolu 2 tal-Kap. 88.

Fil-kawza deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fl-10 ta' Ottubru 2003 fl-ismijiet **Francis Bezzina Wettinger et vs Kummissarju ta' l-Artijiet**[10] inghad:
"Ma tistax tithalla fuq il-mera ipotesi ta' bzonn potenzjali, kif lanqas hu lecitu illi l-istat jibqa' jippriva individwu mit-tgawdija tal-possedimenti tieghu, meta l-uzu fl-interess pubbliku jew fl-interess generali, li kien originarjament jissussisti ma jibqax ghal xi raguni jew ohra mehtieg......

".....Kien l-istat li kellu jaghmel il-prova, mhux biss illi kien hemm konkretament il-htiega ta' l-uzu tal-proprjeta` fl-interess pubbliku jew fl-interess generali, imma wkoll li dak il-bzonn jibqa' jissussisti sal-mument meta l-art tkun ghaddiet definittivament f'idejn l-istat bit-temm tal-proceduri ta' esproprijazzjoni…

Isegwi allura li l-interess pubbliku kellu jibqa' jissussisti sa dakinhar li jigi ppubblikat dak il-kuntratt.  Fil-fehma tal-Qorti wara li l-appellant kien stabbilixxa li l-iskop li ghalih kienet ser tigi esproprijata l-art – jigifieri skop agrikolu – gie abbandunat u ma kellux ghalfejn jara jekk setax kien hemm xi dipartiment iehor li ma kienx jidhol fil-vicenda li seta' kellu pjanijiet ohrajn."

F'dan l-istadju il-Qorti wara li ezaminat id-decizjonijiet tal-Qrati Maltin fuq is-suggett, u apparti r-riferenza li saret fuq gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja dwar id-drittijiet tal-Individwu meta giet ikkwotata parti mis-sentenza **Mintoff**

---

[10] Originarjament kien hemm il-hsieb li l-art tittiehed bhala parti minn progett agrikolu ("Izra u Rabbi"), li in segwitu pero` wara d-dekors ta' sentejn dan il-progett ma tkomplix u safa' abbandunat; li, in segwitu mbaghad bicciet mill-art ta' l-appellati nghataw b'kera, rinnovabbli annwalment, lil terzi; li l-uzu attwali ta' l-art (skond ma ddikjara l-istess appellant) huwa pero` dak ta' l-insib ta' l-ghasafar ("*bird-snaring*"); li ghal diversi snin l-istess appellant deher propens li jirrilaxxja l-art lill-appellati; u li r-raguni ghan-nuqqas ta' rilaxx m'ghandha l-ebda konnessjoni ma' progetti ta' natura agrikola, imma minhabba progett imsejjah "Park Arkaeologiku" li ghadu pero` ma giex rrealizzat minkejja t-trapass ta' aktar minn kwart ta' seklu mid-Dikjarazzjoni Presidenzjali li saret fl-1976.

**vs Prim Ministru**, tixtieq tiireferi ghal xi partijiet ta' sentenzi tal-Qorti Ewropeja. Harsa lejn id-decizjoni tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz ta' **James vs U.K.** [A98, para. 39-40 21-Feb-1986] wiehed jinnota:
"*39. The applicants' first contention was that the "public interest" test in the deprivation rule is satisfied only if the property is taken for a public purpose of benefit to the community generally and that, as a corollary, the transfer of property from one person to another for the latter's private benfit alone can never be "in the public interest". In their submission, the contested legislation does not satisfy this condition.*

*The Commission and the Government, on the other hand, were agreed in thinking that a compulsory transfer of property from one individual to another may in principle be considered to be "in the public interest" if the taking is effected in pursuance of legitimate social policies.*

*40. The Court agrees with the applicants that a deprivation of property effected for no reason other than to confer a private benefit on a private party cannot be "in the public interest". Nonetheless, the compulsory transfer of property from one individual to another may, depending upon the circumstances, constitute a legitimate means for promoting the public interest. In this connection, even where the texts in force employ expressions like "for the public use", no common principle can be identified in the constitutions, legislation and case-law of the Contracting States that would warrant understanding the notion of public interest as outlawing compulsory transfer between private parties. The same may be said of certain other democratic countries; thus, the applicants and the Government citied in argument a judgement of the Supreme Court of the United States of America, which concerned State legislation in Hawaii compulsorily transferring title in real property from lessors to lessees in order to reduce the concentration of land ownership (Hawaii Housing Authority vs Midkiff 104 S.Ct.2321 (1984g));"*

Ghalhekk kif intqal fil-James Case tal-21 ta' Frar 1986 (A.98) fid-determinazzjoni ta' x'inhu *public interest*:
*"the margin of appreciation available to the legislature in implementing social and economic policies should be a wide one" izda l-istess sentenza tkompli tghid "unless that judgement be manifestly without reasonable foundation"*.

Infatti fil-James Case fuq citat l-Qorti esprimiet ruhha hekk f'dan ir-rigward:
*"a deprivation of property effected for no other reason other than to confer a private benefit on a private party cannot be "in the public interest."*

Fil-kaz ta' **Sporrong and Lonnroth vs Sweden** [A52, para 69 (1982)] il-Qorti marret oltre meta qalet li l-Qorti:
*"had to determine whether a fair balance was struck between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights."*

Fuq dan il-kuncett f'din is-sentenza, Harris, Boyle, Warbrick fil-ktieb Law of the European Convention of Human Rights, p 516 et seq kitbu hekk:
*"The fair balance principle or test laid down in the Sporrong and Lonnroth case finds its authority in two complementary sources. The first is the general balance which the Court holds to be pervasive throughout the Convention between the enjoyment of individual rights an the protection of the public interest, the second is the substantive content of "law" as understood by the Strasbourg Authorities to include protection against the arbitary and disproportionate effects of an otherwise formally valid national law".*

Fl-imsemmija kawza ta' **Sporrong and Lonnroth vs Sweden** gew enuncjati tliet principji li, fil-kaz konkret, jistghu jigu applikati jew separatament jew inkella "*in combination*". Kif fissret il-Qorti Ewropea fil-kaz:
*"....this provision comprises three distinct rules. The first rule, set out in the first sentence of the first paragraph, is of a general nature and enunciates the principle of peaceful enjoyment of property; the second rule,*

*contained in the second sentence of the same paragraph, covers deprivations of possession and makes it subject to certain conditions; and the third rule, stated in the second paragraph, recognises that contracting states are entitled, amongst other things, to control the use of property in accordance with the general interest. The three rules are not "distinct" in the sense of being unconnected: the second and third rules are concerned with particular instances of interferences with the right to peaceful enjoyment of property and should therefore be construed in the light of the general principle enunciated in the first rule...." (A 52 para. 61).*

Dwar dan il-passagg minn din is-sentenza, Harris, O'Boyle u Warbrick fil-ktieb taghhom "Law of the European Convention on Human Rights" (Butterworths, London, 1995), jikkummentaw hekk:

*"The three sentences in Article 1 of the First Protocol will henceforth be referred to as Article 1/1/1, Article 1/1/2 and Article 1/2. It follows from the above passage that Article 1/1/1 is not only a statement of principle. It also provides a third, separate basis for regulating interferences with the "peaceful enjoyment of possessions" that do not qualify as a deprivation of a person's possessions subject to Article 1/1/2 or a control of the use of property subject to Article 1/2. For example, in the Sporrong and Lonnroth case itself, the Court found that the grant of expropriation permits, which did not fall under Article 1/1/2 or 1/2, was subject to control under Article 1/1/1 as an interference with the peaceful enjoyment of the houses concerned. When considering whether Article 1/1/1 has been complied with, the court applies a "fair balance" test. In the Sporrong and Lonnroth case, the Court stated: "For the purposes of [Article 1/1/1]....the Court must determine whether a fair balance was struck between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights. The search for this balance is inherent in the whole of the Convention and is also reflected in the structure of Article 1"." (op. cit., pp. 521, 522).*

Dwar il-kwistjoni jekk esproprijazzjoni tkun saret fl-interess pubbliku, il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem elaborat il-veduti taghha fuq il-bilanc bejn l-interess pubbliku u l-interess privat fil-kazijiet **Lithgow and Others vs U.K.** (1987) and **James and Others vs U.K.** (1986). Il-Qorti qalet:
*"The notion of "public interest is necessarily extensive.......The Court, finding it natural that the margin of appreciation available to the legislature in implementing social and economic policies should be a wide one, will respect the legislative's judgment as to what is "in the public interest" unless that judgment will be manifestly without reasonable foundation…*

*A taking of property effected in pursuance of legitimate social, economic or other policies may be "in the public interest" even if the community at large has no direct use or enjoyment of the property taken."*

Ghalhekk il-Qorti sejra tissintetizza l-pozizzjoni dwar l-aspett ta' interess pubbliku hekk:
Biex it-tehid ta' proprjeta` privata jkun lecitu jrid ikun fl-<u>interess pubbliku</u> u mhux ghal skop pubbliku. Ma jiddipendix jekk l-oggett huwiex ta' interess pubbliku, izda jekk huwiex fl-interess pubbliku li l-Istat jakkwista dik il-proprjeta`. Irid ikun hemm interess ghall-generalita` tac-cittadini, ta' l-universalita` tal-pubbliku fl-istat. Il-harsien tal-proprjeta` privata hija wkoll fl-interess pubbliku. Wiehed irid izomm il-"fair balance … between the demand of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights" – dik li riedet il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawza ta' Sporrang and Lonnroth vs Sweden (A 52, para 69 (1982)). [Dwar id-distinzjoni bejn skop pubbliku u interess pubbliku ara wkoll **Mousu` vs Direttur Lottu Pubbliku** Pg. 271 u 272]. Irid jigi accertat li d-decizjoni mehuda tkun verament ittiehdet fl-interess pubbliku minghajr l-ezercizzju ta' l-arbitrarjeta` manifesta u fir-rispett tad-dritt fundamentali sancit bl-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja.

L-ewwel artikolu jittutela mhux biss l-esproprjazzjoni, izda anke cirkostanzi tali li jammontaw ghal esproprjazzjoni ***de facto*** (**Sporrang vs Lonnroth**) kif ukoll fil-kazijiet ta' **Fredin** u ta' **Hentrich** u ta' **Holy Monasteries, Spadea and Scalabrino** (control of the use of property).

Ghalkemm il-privazzjoni tal-proprjeta` privata tista' ssir ghall-utilita` pubblika dan ghandu dejjem ikun interpretat ristrettivament. Ghandu jigi evitat li l-individwu jigi assoggettat ghall-privazzjonijiet arbitrarji tal-proprjeta` tieghu (James Cavendish).

Il-proprejta` privata ghandha tigi rispettata u l-privazzjoni tal-proprjeta` ghandha ssir taht kundizzjonijiet ben definiti ghalkemm l-Istat ghandu d-dritt li jirregola l-uzu tal-bini in konformita` ma' l-interess generali. Hemm bzonn li jkun hemm ekwilibrju realistiku bejn id-drittijiet tal-proprjetarju u l-ezigenzi tal-kollettivita` u m'ghandiex il-persuna esproprjata tissubixxi sagrificcju partikolari u esorbitanti (Hakansson & Sturesson). It-tehid ta' proprjeta` minghajr pagament ragjonevoli normalment jikkostitwixxi "*disproportionate interferenc*e" ghalkemm l-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokoll ma jiggarantix id-dritt ghal kompersazzjoni shiha jew skond is-suq (9/12/94 Holy Monasteries). Dejjem irid ikun hemm "*a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim pursued*" (5/5/95 – Air Canada).

Ukoll *a deprivation of property effected for no reason other than to confer a private benefit on a private party cannot be "in the public interest". Nonetheless the compulsory transfer of property from one individual to another may, <u>depending upon the circumstances, constitute a legitimate aim for promoting the public interest</u>"*. Din l-enuncjazzjoni ta' principju fil-kawza **James and others** (1986) giet ulterjorment elaborata fl-istess gudizzju hekk: "*The taking of property effected in pursuance of legitimate social, economic or other policies may be "in the public interest" even if the community at large has no direct use or enjoyment of the property taken*".

L-interess pubbliku irid ikun gie identifikat b'mod konkret (Pawlu Cachia). Id-dritt ta' l-Istat ghall-esproprjazzjoni ghandu jigi ezercitat biss sakemm u sa fejn hu necessarju (Pawlu Cachia). Irid ikun hemm progett konkret "Mhux eskluz li proprjeta` tigi esproprjata fl-interess pubbliku ghax kien hekk mehtieg biex tigi assigurata l-attwazzjoni kompleta ta' progett ta' utilita` partikolari fil-kuntest ta' l-izvilupp partikolari taz-zona jew biex taghti lok per ezempju ghal espansjoni futura ta' l-istess progett" (Pawlu Cachia pg. 34) basta li din ma tkunx fuq mera ipotesi izda tirrizulta posittivament lill-Qorti.

L-emissjoni tad-dikjarazzjoni tal-President u proceduri konnessi huwa biss l-ewwel stadju fil-process ta' esproprjazzjoni. Dan il-process jintemm meta jsir il-kuntratt ta' trasferiment (Pawlu Cachia Pg. 37) u ghalhekk l-interess simboliku ghandu jibqa' jissussisti sa tali data tal-kuntratt minhabba li l-persuna li tkun ser tittehdilha l-art li tkun ghada l-proprjetarja sal-mument tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt. Id-dikjarazzjoni tal-President tkun certament legali (mhux nulla) jekk ma jibqax jezisti l-interess pubbliku izda meta jispicca dak l-interess ma tibqax aktar legittima.

***<u>D6. Artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta:</u>***

Il-Kummissarju ta' l-Artijiet sostna li l-Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta huwa salvagwardjat bl-Artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ghalhekk l-allegazzjoni tas-socjeta` rikorrenti bl-ebda mod ma' tista' titqies li tmur kontra l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.

L-artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni jghid hekk:

"Ebda haga fl-artikolu 37 ta' din il-Kostituzzjoni ma ghandha tolqot il-hdim ta' xi ligi fis-sehh minnufih qabel it-3 ta' Marzu 1962 jew xi ligi maghmula fi jew wara dik id-data li temenda jew tissostitwixxi xi ligi fis-sehh minnufih qabel dik id-data (jew xi ligi li minn zmien ghal zmien tkun emendata jew sostitwita bil-mod deskritt f'dan is-subartikolu) u li ma —

(a) izzidx max-xorta ta' proprjeta` li jista' jittiehed pussess taghha jew id-drittjiet fuq u interess fi proprjeta` li jistghu jigu miksuba;
(b) izzidx mal-finijiet li ghalihom jew cirkostanzi li fihom dik il-propjeta` jista' jittiehed pussess taghha jew tigi miksuba;
(c) taghmilx il-kondizzjonijiet li jirregolaw id-dritt ghal kumpens jew l-ammont tieghu anqas favorevoli lil xi persuna li jkollha jew li tkun interessata fil-proprjeta`, jew
(d) tipprivax xi persuna minn xi dritt bhal dak li huwa msemmi fil-paragrafu (b) jew paragrafu (c) ta' l-artikolu 37(1) ta' din il-Kostituzzjoni."

Ghalhekk il-Kummissarju ta' l-Artijiet jargumenta li:
"l-Artikolu 47 (9) jistipula li "il-hdim ta' xi ligi" ("*the operation of any Law*" fit-test ingliz) fis-sehh minnufih qabel it-3 ta' Marzu 1962 <u>ma tistax tkun anti-kostituzzjonali fis-sens li tippekka kontra l-Artikolu 37 tal--Kostituzzjoni</u>. L-istess jinghad ghal xi "*amending act*" jew "*substituting act*" maghmula <u>f'dik id-data jew wara dik id-data</u> purche li tali att li hekk jemenda jew jissostitwixxi dik il-Ligi ma jkunx jaghmel xi wahda mill-affarijiet imsemmija fil-paragrafi (a) sa (d) ta' l-imsemmi Artikolu 47 (9)."

Isemmi li l-Kap 88 kien fis-sehh qabel it-3 ta' Marzu 1962 u li l-imsemmija Ligi giet emendata wara dik id-data. Sostna li ma irrizultax mill-provi li nkisret xi wahda mill-provvedimenti tal-paragrafi (a) sa (d) ta' l-Artikolu 47(9) u irrefera ghas-sentenza **Pawlu Cachia vs Avukat Generali et** fuq imsemmija fejn inghad:
"Fi kwalunkwe kaz, din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-emendi maghmula wara t-3 ta' Marzu 1962 (hafna minnhom emendi ta' natura formali, bhas-sostituzzjoni tal-Gvernatur Generali bil-President ta' Malta, jew il-kompozizzjoni tal-Bord) biex tara jekk fir-rigward tad-dikjarazzjonijiet ta' esproprjazzjoni meritu ta' din il-kawza u fir-rigwand tal-proceduri ghall-kumpens (ukoll meritu ta' din il-kawza) gewx imhaddma xi "*amending provisions*" li jaqghu taht l-imsemmija paragrafi (a) sa (d). Il-Qorti ma tarax li dan huwa l-kaz, fis-sens li d-dispozizzjonijiet imhaddma fir-rigward tal-ordnijiet ta' esproprazzjoni *de quo* huma kollha salvati bl-Artikolu 47(9) milli jiksru l-

Artikolu 37. Huwa veru li r-rikorrent qed jallega, *inter alia*, in-nuqqas maz-zmien ta' interess pubbliku; pero` ghall-finijiet ta' l-imsemmi Artikolu 37, moqri fid-dawl ta' l--Artikolu 47(9), dak li trid tara l-Qorti hu biss dak li jipprovdi l-Kap 88 li, fl-artikolu 6 tieghu jghid:
"Hadd ma' jista' jitlob prova ohra ta' l-iskop pubbliku msemmi fl-artikoli 3 u 4 u fis-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 8 minbarra d-dikjarazzjoni tal-President ta' Malta."

ghalhekk il-Qorti ser tilqa' l-eccezzjoni ta' l-intimati fir-rigward ta' l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u mhux ser tikkonsidra aktar dana l-Artikolu."

Irrileva li fil-kawza **Francis Bezzina Wettinger et vs Kummissarju ta' l-Artijiet** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta (Imhallef R. Pace) fit-22 ta' Marzu 2002 il-Qorti waslet ghall-istess konkluzjoni. Din il-Qorti tirreferi wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Louis Manduca vs Prim Ministru**, tal-Qorti Kostituzzjonali, deciza 13 ta' Jannar 1999, pagna 9.

Huwa importanti f'dan l-istadju li wiehed jezamina l-implikazzjonijiet ta' l-artikolu 47(9)(d) tal-Kostituzzjoni minhabba li l-imsemmi sub-artikolu jeskludi mill-applikazzjoni ta' l-istess artikolu dik il-ligi li ma "tipprivax xi persuna minn xi dritt bhal dak li huwa msemmi fil-paragrafu (b) jew paragrafu (c) ta' l-artikolu 37(1) ta din il-Kostituzzjoni."

Id-drittijiet imsemmija f'paragrafu (b) ta' l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni huma dawk:
"li tizgura lil kull persuna li tippretendi dak il-kumpens dritt ta' access lil qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi sabiex jigi deciz l-interess taghha fi jew dritt fuq il-proprjeta` u l-ammont ta' kull kumpens li ghalih tista' tkun intitolata, u sabiex tikseb hlas ta' dak il-kumpens;".

Din il-Qorti kif presjeduta thoss li d-dritt li lir-rikorrenti gie michud mill-intimati huwa precizament dak id-dritt imsemmi fil-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni. Il-kummissarju ta' l-Artijiet naqas ghal aktar minn 25 sena milli jkompli il-proceduri sabiex jigi likwidat u mhallas il-

kumpens dovut lis-socjeta` rikorrenti fi zmien meta kien biss l-istess Dipartiment li kellu d-dritt li jkompli dawn il-proceduri. Il-Kummisarju ta' l-Artijiet beda l-proceduri fl1980 izda komplihom biss wara s-sena 2000 u b'hekk l-interessi u drittijiet tas-socjeta` rikorrenti gew ghal zmien twil imwaqqfa, u ma haditx il-kumpens dovut lilha.

***D7. L-ewwel artikolu ta' l-Ewwel Protokol tal-Kap 319:***

Is-socjeta` rikorrenti sostniet li l-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata fil-Ligi ta' Malta permezz ta' l-Att Dwar il-Konvenzjoni Ewropea u cioe` Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta huwa applikabbli ghal kaz in ezami u dan minhabba s-segwenti:

Fil-konfront ta' l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokol l-Istat Malti ghazel li ma jaghmel l-ebda riserva, kuntrarjament ghal kif permess lilu mill-artikolu 64 tal-Konvenzjoni Ewropea, bhal fil-kaz ta' l-artikolu 10, fil-konfront ta' l-Artikolu 6(2) u anke fil-konfront ta' dawk l-artikoli tal-Kodici Kriminali li jitkellmu fuq id-difiza legittima. Ghalhekk japplika l-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea.

Bl-istess mod il-principji tal-konvenzjoni kellhom jigu applikati, u hawnhekk wiehed jirreferi ghall-kaz ta' **De Becker vs Belgium** tad-9 ta' Gunju 1958 fejn inghad illi:
*"Contracting Parties have undertaken, without prejudice to the provisions of Article 64 of the Convention, to ensure that their domestic legislation is compatible with the Convention ... it follows that the Commission is competent to consider whether the domestic legislation of the Contracting parties is compatible with the Convention, and that this competence exists likewise in respect of laws promulgated before the date on which the Convention came into force."*

Interessanti huwa l-fatt li dan mhux fatt li sehh darba izda, li baqa' ghaddej sal-lum billi t-tehid ghadu fis-sehh u ghadu ma giex finalizzat il-kuntratt ta' trasferiment u anqas il-hlas tal-kumpens dovut lir-rikorrenti. Dawn il-fatti sehhew u baqghu jsehhu wara d-data li l-Kapitolu 319 dahal fis-sehh.

Fil-kawza deciza minn din il-Qorti kif presjeduta fis-7 ta' April, 2005, fil-kawza fl-ismijiet **J. Lautier Company Limited vs Kummissarju ta' l-Artijiet u l-Avukat Generali tar-Repubblika** (Rikors Nru: 30/03FS) [liema silta sejra titiehed *in toto* ghalkemm f'xi aspetti sejjer ikun hemm ripetizzjoni ta' dak li ntqal fuq dwar l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, izda jekk wiehed joqghod jaqta' partijiet mis-silta li gejja jitlief il-kontinwita` ta' l-istess] intqal:

"L-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea jghid hekk:-

"Kull persuna naturali jew persuna morali ghandha dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghha. Hadd ma ghandhu jigi ipprivat mill-possedimenti tieghu hlief **fl-interess pubbliku** (enfazi tal-Qorti) u bla hsara tal-kondizzjonijiet provduti bil-ligi u bil-principji generali tal-ligi internazzjonali.

Izda d-dispozizjonijiet ta' qabel ma ghandhom b'ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhirlu xierqa **biex jikkontrolla l-uzu ta' proprjeta' (enfazi tal-Qorti)** skond l-interess generali jew biex jizgura l-hlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet ohra jew pieni."

Dan l-artikolu allura jipprotegi d-dritt specifiku *"to the peaceful enjoyment of possessions the right to have, to use, to dispose of, to pledge, to lend, even to destroy one's possessions. As the Court said in the Marks case "article 1 is in substance guaranteeing the right of property". Enjoyment is protected principally against interference by the State" (Theory and Practice of the European Convention of Human Rights*, E. Van Djke, G.J.H. Van Hoof, second edition p. 516 et seq);

Fil-kawza deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili [I. A Manche'] fit-12 ta' Dicembru 1989 fl-ismijiet **Perit Joseph Barbara vs Kummissarju ta' l-Art** inghad li hadd ma jista` jigi mgieghel jitlaq minn idejh proprjeta` tieghu jew ihalli lil haddiehor jaghmel uzu minnha, hlief ghal skop pubbliku u bi hlas ta' indennizz gust.

Fil-kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell Civili Superjuri fit-30 ta' Dicembru, 1993 fl-ismijiet **Dr. Carmelo Vella et vs Is-Segretarju tad-Djar et** [11][LXXVII-II-390] inghad:
"Il-pubbliku nteress li f'ismu jittiehdu dawn id-decizjonijiet u jsiru dawn l-atti mill-awtorita` pubblika – emanazzjoni tar-res pubblica, l-universalita` tar-res li fiha jingabar il-gid komuni tac-cittadini kollha, u ghal-liema gid komuni huma diretti l-ligijiet – qatt ma jista' jkun riferit ghal kwalsiasi interess privat. L-interess huwa dejjem privat meta m'ghandux applikazzjoni ghall-generalita` tac-cittadini, ta' l-universalita` tal-pubbliku fl-istat. Ir-ragunament fis-sentenza *Galea versus Holland* (Qorti ta' l-Appell, 20 ta' Jannar 1980) huwa fallaci ghaliex l-uzu ta' fond ghal skopijiet kulturali jista' jkun maghmul fl-interess pubbliku jekk l-attivita` kulturali tkun maghmula minn awtorita` pubblika u mhux meta tkun maghmula minn persuna jew assocjazzjoni privata, billi l-uzu, fl-ewwel lok, huwa fl-interess ta' dik il-persuna jew assocjazzjoni. Il-possibilita` ta' access tal-pubbliku ghal dik l-attivita` ma tittrasformahiex b'daqshekk minn attivita` li hija intrinsikament privata f'attivita` intrinsikament pubblika. U difatti dik l-accessibilita` tista' tigi ristretta u tirritratta kif jidhirlu l-interess privat";

Fil-kawza deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta' April, 1996 fl-ismijiet **Perit Dom Mintoff vs Onor Prim Ministru**[12] [LXXX-I-207] il-Qorti ezaminat il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u ghamlet sunt tassew interessanti tal-kazijiet imsemmija li huma l-aktar importanti fl-interpretazzjoni tal-Ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u din tinsab publikata f'pagni 261 sa 270 u l-Qorti mhix qedgha tinkludiha semplicement minhabba t-tul taghha. Qedgha pero` tikkwota parti minn pagni 270 271 fejn jinghad:
"Minn kif tikkonkludi din il-Qorti jemergi minn din ir-rassenja ta' gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem, is-segwenti process mentali:

---

[11] Fejn fondi rekwisizzjonati gew allokati lis-Socjeta' Filarmonika San Leonardo
[12] Fejn ftit wara l-elezzjoni tal-1987 gie deciz li jinbena Power Station f'Marsaxlokk, u r-raba' vicin tad-dar tar-rikorrent kienet giet esproprijata, u inbniet cumnija vicin, kif ukoll saret mina taht, u dan kollu sar vicin tad-dar tar-rikorrent.

Fl-ewwel lok, l-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokol Addizzjonali tal-Konvenzjoni Ewropeja jipprotegi mhux biss kontra l-esproprjazzjoni vera u proprja fis-sens klassiku kif nafuh, izda anke kontra l-esproprjazzjoni de facto u cioe` kif intqal fil-kaz ta' Fredin, f'dawk ic-cirkostanzi li fis-sustanza jekwivalu ghal esproprjazzjoni.

Ghall-fini ta' l-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokol Addizzjonali ghall-Konvenzjoni l-kelma "possessions" fit-text Malti "possedimenti" ghandha tirciev i sinifikat ampju u fit-tutela taht dan l-artikolu hemm inkluz ukoll dik kontra interferenzi fl-uzu u t-tgawdija tal-proprjeta` u tad-drittijiet relattivi;

Fl-ewwel stadju tal-process mentali li jrid jaghmel il-gudikant, ghandu jigi stabbilit, l-ewwel u qabel kollox, jekk effettivament kienx hemm esproprjazzjoni vera u proprja kif ukoll de facto jew inkella thalliex integru d-dritt ta' proprjeta` pero` saret ingerenza u interferenza fit-tgawdija pacifika ta' l-istess. Sussegwentement il-gudikant irid jara jekk din il-privazzjoni saritx fl-interess pubbliku u taht kundizzjonijiet ben definiti bil-ligi. Fl-ahhar nett ghandu jigi rikonoxxut lill-Istat id-dritt u l-poter illi jirregola l-uzu tal-proprjeta` in konformita` ma' l-interess generali. F'dan l-ezercizzju, specjalment f'dak finali, l-Istat ghandu jgawdi margini lat ta' diskrezzjoni, dejjem pero`, entro l-limiti li jassikuraw li bejn il-mezzi adoperati u l-iskop persegwit hemm dak il-proporzjon li ghalih jaghmlu referenza s-sentenzi tal-Qorti Ewropeja u b'mod illi min ikun sofra ingerenza jew privazzjoni tal-proprjeta` tieghu ma jkunx gie assoggettat ghal sagrificcju partikolari u esorbitanti, cioe` eccessiv;"

Fil-kawza fl-ismijiet **John Bugeja nomine vs Kummissarju tal-Artijiet** [13] deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili [I. A Magri] fl-4 ta' Ottubru, 1996 il-Qorti sostniet li:

[13] Fejn id-dikjarazzjoni tal-Gvern ghall-esproprijazzjoni saret fl-1974 ghal art il-Marsa u fl-1991 gie dikjarat li porzjoni minnha ma kienitx aktar mehtiega ghal skopijiet pubblici, u liema art giet assenjata lill-Malta Shipbuilding Company Limited biex din utilizzata bhala car park privata.

"Din il-Qorti taqbel li l-kliem ta' l-artikolu 6 jorbtu lic-cittadin izda tifhem li l-limitazzjoni imposta fuq il-privat qedha hemm, biex, fil-mument tad-dikjarazzjoni presidenzjali dan (cioe` c-cittadin) ma jkunx jista' jressaq proceduri gudizzjarji intizi biex din id-dikjarazzjoni tigi attakkata fil-Qrati ordinarji w b'dan il-mod il-poter tal-istat li jiehu forzozament proprjeta privata jigi stultifikat. Id-dritt tal-istat li jiehu proprjeta` privata huwa rikonoxxut sew mill-Kostituzzjoni kemm ukoll mill-Konvenzjoni Ewropeja, dment li jigi ezercitat konformement mas-salvagwardji imposti mill-istess Kostituzzjoni u Konvenzjoni. Izda jekk il-fatti sussegwentement ghal dik id-dikjarazzjoni w tehid forzuz tal-pussess ta' proprjeta` juru li jonqos l-element ta' l-"interess pubbliku", ma jistax ic-cittadin, "a priori" jigi eskluz mid-dritt li jikkontesta d-dikjarazzjoni presidenzjali. Altrimenti d-dikjarazzjoni ta' "interess pubbliku" ssir biss umbrella ghall-agir totalitarju tal-Gvern li facilment ikun jista' jinheba wara din id-dikjarazzjoni sabiex jakkapparra proprjeta` privata biex wara jaghmel biha li jrid - anke jittrasferiha lill-persuni jew enti privati.…

ghalkemm id-dikjarazzjoni, per se, mhux kontestabbli, ic-cirkostanzi futuri jistghu jaghtu lok ghal ripensament dwar l-uzu li ghandu jsir minn dik l-art."

Ukoll fil-kawza deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili [I. A Magri] fit-18 ta' Jannar 1999 fl-ismijiet **Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq vs Avukat Generali et**[14] inghad li jekk post jittiehed mill-Gvern b'espropjazzjoni

[14] Ghal perjodu twil ta' hafna snin ma kien hemm ebda kontestazzjoni da parti tar-rikorrenti dwar il-validita' tad-dikjarazzjoni tal-Gvernatur fuq il-htiega tat-tehid forzuz tal-imsemmija proprjeta' ghal skop pubbliku. Infatti jirrizulta li bejn in-1958 u in-1976, meta gew istitwiti l-proceduri quddiem l-Bord tal-Arbitragg dwar Artijiet, kienu ghaddejin trattativi bejn is-sid u l-awtorita' esproprjanti sabiex jigi determinat l-kera xieraq u jigi stabbilit liema ambjenti jkunu milquta bl-esproprjazzjoni. Alfio Testaferrata Bonici Ghaxaq oggezzjona ghal kera offrut bhala inadegwat, oppona ukoll ghall akkwist b'titolu ta' pussess u uzu peress li l-intimat kien sejjer "jikkonverti l-fond ghal parti accessorja tat-Teatru Manoel b'mod li din id-dar ma tibghax tezisti iktar fl-entita' taghha pristina". Kien biss wara xi zviluppi li graw fil-1991 li r-rikorrenti bhala proprjetarja tal-fond in

ghal *possession and use* ghax mehtieg ghal skop pubbliku ma jistax wara jinghata lil terzi persuni ghal skop kummercjali. Din twassal ghan-nullita' tal-espropjazzjoni. F'din il-kawza jinghad:
"Issa l-Kap 88 (gia Kap 136) huwa intiz biex jirregola l-**akkwist** ta' artijiet u mhux semplicement biex jikkontrolla l-uzu tal-istess. Il-mod kif tali art tigi akkwistata u cioe b'xiri assolut, pussess u uzu jew b'dominju pubbliku hija irrilevanti billi mill-mument tad-dikjarazzjoni tal-Gvernatur illum tal-President ta' Malta, dik l-art tohrog mill-pussess ta' sidha u tali pussess jghaddi f'idejn l-awtoritajiet. Dan johrog car mill-provvedimenti ta' l-Artikolu 12 tal-istess Kap 88…

L-interess pubbliku f'kazi ta' tehid ta' proprjeta privata hija l-konsiderazzjoni principali meta jigi ezaminat jekk tali tehid huwiex konformi mad-drittijiet fondamentali konferiti mill-Konvenzjoni Ewropea.

Il-koncett ta' interess pubbliku ma jsib ebda definizzjoni la fil-Konvenzjoni, u lanqas fil-Kostituzzjoni ta' Malta. L-istess Kostituzzjoni tissoggetta d-dritt lill-Gvern ghat-tehid obbligatorju ta' proprjeta meta hemm disposizzjonijiet ta' ligi applikabbli ghal dak it-tehid ta' pussess jew akkwist. Issa l-Kap 88 li hija l-ligi li tirregola tali tehid, jiddefinixxi "skop pubbliku", bhala dak li ghandu x'jaqsam ma' l-uzu

---

kwistjoni hasset li d-dikjarazzjoni originali tal-Gvernatur tal-1958 ma kienetx aktar valida. Infatti gew mressqa provi li jindikaw li, ghalkemm l-ambjenti tal-fond fuq imsemmi jservu skop kulturali u diversiv li huwa l-ghan ewlieni tat-tnexxija tat-Teatru kif jipprovdi l-Manoel Theatre Management Committee, l-ambjenti kollha formanti l-proprjeta' in kwistjoni, hlief ghal xi ufficini uzati mill-Manoel Theatre Management Committee, jinsabu moghtija lil privat u cioe l-Miveda Co. Ltd. li tiggestixxi, taht titolu ta' kera u profit sharing, ir-restaurant Vilhena u l-bar, il-Patrimonju Publishing Limited li tikri xi ambjenti fit-tieni sular u l-Friends of The Manoel Theatre li jikru is-sala Isouard ghal funzjonijiet privati. Il-Manoel Theatre Management Committee, li hija l-enti nazzjonali inkarigata mit-tmexxija tat-teatru nazzjonali, tuzufruwixxi minn dawn l-arrangamenti ma' terzi privati billi, kif jidher tinkassa cirka LM5,000 jew LM6,000 fis-sena.

eskluziv tal-Gvern jew ma l-uzu pubbliku generali, jew li ghandu x'jaqsam ma jew jiswa ghall-interess jew qadi tal-pubbliku (sew jekk l-art tkun ghall-uzu tal-Gvern sew jekk le) ..... u jfisser ukoll kull skop iehor imsemmi bhala pubbliku minn xi ligi."

L-artikolu 3 ta' l-istess Ordinanza jaghti l-fakolta' lill-President ta' Malta li jiddikjara illi art hija mehtiega ghal skop pubbliku. Tali dikjarazzjoni hija prova tan-natura pubblika tat-tehid billi skond l-artikolu 6 hadd ma jista' jitlob prova barranija.

Maz-zmien u bl-izvilupp ta' gurisprudenza f'dan ir-rigward din ir-rigidita' fl-interpretazzjoni ta' x'jammonta ghall-skop pubbliku, issubiet kambjamenti u l-Qrati bdew jezaminaw jekk t-tehid forzuz ta' proprjeta' taht l-umbrella tal-ligi, kienx verament fl-interess pubbliku jew jekk kienx rizultat ta' xi abbuz ta' l-awtoritajiet. Bdiet tigi adoperata l-mizura ta' x'inhu accettabbli f'socjeta' demokratika…

Izda fil-fehema ta' din l-Qorti l-interess intrinsikament privat ta' uhud li jibbenefikaw essenzjalment minn negozju gestit minn proprjeta' tar-rikorrenti jxejjen dak l-interess pubbliku li trid il-Konvenzjoni Ewropea sabiex tehid forzuz ta' proprjeta` jkun gustifikat."

Interessanti ferm ghas-suggett in ezami hu dak li ntqal fil-kawza deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-6 ta' Ottubru, 1999 [LXXXIII-I-246] fis-sentenza tal-kawza fl-ismijiet **John Mousu`et vs Direttur tal-Lottu Pubbliku et**[15]. Il-

[15] Il-fatti ta' dan il-kaz graw hekk. Missier ir-rikorrenti, kien kera fond il-Furjana lil Carmel Bezzina b'effett mill-1966 u fl-1977 kienet ippubblikata Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta dwar Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici. Id-dikjarazzjoni, li kienet imxandra ghall-ghanijiet ta' l-artikolu 9 (1) ta' l-Ordinanza, tghid illi l-fond ***de quo*** hu mehtieg ghal skop pubbliku u illi l-akkwist ghandu jsir b'xiri assolut. Billi ma kien intlahaq ebda ftehim bejn is-sidien u d-Dipartiment ta' l-Artijiet dwar il-kumpens li jmiss lis-sidien, kien sar rikors quddiem il-Bord ta' l-Arbitragg dwar Artijiet u l-Bord, wara li ffissa l-kumpens, kien hatar Nutar biex jippubblika l-Att ta' Akkwist. L-akkwist, izda, baqa' ma sarx, ghax id-Dipartiment ta' l-Artijiet sab xi diffikultajiet dwar il-provenjenza tat-titolu tas-sidien u dwar id-

Qorti ghamlet l-evaluwazzjoni taghha u enfasizzat id-distinzjoni bejn "l-iskop pubbliku" u "l-interess pubbliku". Qalet:
"Interess pubbliku u skop pubbliku:

Minn dan l-argument ir-rikorrenti jridu jaslu ghall-konkluzjoni li ma jistax jinghad "li l-fond in kwistjoni jrid jitqieghed biex jintuza ghal skop pubbliku minn terza persuna li hija *self-employed*". Ma rridux ninsew, izda li dak li tippermetti l-Konvenzjoni mhux li t-tehid ta' proprjeta` privata jsir "ghal skop pubbliku", izda li jsir "fl-interess pubbliku". Jekk ir-rikorrenti jridu jghidu li hemm principju assolut, li jghodd dejjem, li jghid li t-tehid ta proprjeta` ma jkunx fl-interess pubbliku kull meta l-hsieb tal-Gvern ikun li l-proprjeta` mehuda jaghtiha lil privati ohra, din il-Qorti ma taqbilx maghhom. Hekk qalet din il-Qorti (ippresjeduta minn Imhallef iehor), f'sentenza moghtija fil-25 ta' Lulju, 1996 fil-kawza fl-ismijiet **Vincent Borg *versus* Prim Ministru et**:

"Naturalment, din il-Qorti ma tistax teskludi li jista' jkun hemm sitwazzjonijiet fejn art tittiehed minghand persuna biex tinghata lil persuna ohra u dan ikun fl-interess pubbliku. Dan jista' jsehh f'kuntest tal-promozzjoni tal-gustizzja socjali, bhalma gie anke rikonoxxut mill-Qorti Ewropeja fil-kaz **James vs U.K.** (1986). Kull kaz irid jigi ezaminat u vvalutat fuq il-fattispecje partikolari tieghu. Fl-ahhar mill-ahhar hi l-Qorti li, fil-kaz konkret, trid tkun sodisfatta li dak li qed isir jew li bi hsiebu jsir hu fl-interess pubbliku"; (Kollezz. pg. 258)…

"Zewg koncetti li mhumiex ko-estensivi. Dan ghaliex l-iskop pubbliku hu, fil-fehma ta' din il-Qorti, aktar wiesgha, marbut mal-finalita` ahharija li ghaliha l-fond ikun qed jigi esproprijat, u mhux necessarjament limitat b'definizzjoni preciza. Filwaqt illi l-interess pubbliku kellu jirrizulta

---

denunzja ghall-ghanijiet tat-taxxa tal-mewt. Madankollu, ghalkemm il-kuntratt baqa' ma sarx, jidher lir-rikorrenti kienu lesti li jidhru fuq il-kuntratt u jiehdu l-kumpens stabbilit mill-Bord, tant li lkoll iffirmaw prokura biex jaghtu lir-rikorrent John Mousu` s-setgha li jidher ghalihom fuq l-Att.

attwali u ben definit b'mod li jipprova li l-esproprjazzjoni tkun mehtiega biex tiggova lill-komunita` anke jekk dan kien mehtieg li jsir a skapitu ta' l-interess privat. Hu ghalhekk illi l-eccezzjoni fl-artikolu 1 ghall-principju fondamentali li hadd ma ghandu jigi pprivat mill-possedimenti tieghu, "hlief fl-interess pubbliku" kien jimporta necessarjament ezercizzju ta' investigazzjoni bejn l-interssi tal-pubbliku in generali u l-interessi ta' persuna privata li tkun ser tigi mcahhda mid-dritt tat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghha, bhala eccezzjoni ghad-dritt fondamentali b'dak l-artikolu enuncjat;

"L-ewwelnett irid jigi nnotat li hemm differenza sostanzjali bejn l-iskop pubbliku li hemm imsemmi fl-artikoli 3, 4, 8(1) tal-Kap 88 u l-interss pubbliku li ssemmi l-Kostituzzjoni. Kwazi fl-artikoli kollha tal-Kap. IV, jigifieri dak li jittratta d-drittijiet fondamentali … u f'dan it-terran … il-kompitu taghha (tal-Qorti Kostituzzjonali) huwa li tezamina u tiddefinixxi l-kontenut u limiti ta' l-interess pubbliku u safejn dan jista' jiggustifika l-intruzzjoni tal-poter pubbliku fl-isfera tad-drittijiet fondamentali tal-persuna u tal-privat" (Vol. LXXV, pt. I, p. 332 et seq);" (Kollezz pg 271, 272).

Fil-kawza fl-ismijiet **Mario Cutajar noe vs Kummissarju tal-Art et**[16] deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta' Novembru, 2001 jinghad li:

---

[16] F'dan il-kaz s-socjeta' rikorrenti kienet proprjetarja ta' bicca art fabbrikabbli fi Psaila Street, liema art hija vicin ghal bicca art ohra fl-imsemmija trejqa li ma tinfidx appartenenti lis-socjeta' Golden Shepherd Group Ltd. u li fuqha din l-ahhar imsemmija socjeta' kienet ser tibni u tmexxi sptar privat maghruf bhala "St. Philip Private Hospital"; illi l-applikazzjoni ghall-bini ta' dan l-isptar privat giet approvata dment illi l-entratura minn Psaila Street titwessa' u ghal dan il-ghan fil-Gazzetta tal-Gvern giet ippubblikata Ordni ta' Esproprijazzjoni li permezz taghha gie mgharraf li giet esproprijata bicca art mill-art fuq imsemmija proprjeta' tas-socjeta' rikorrenti; Is-socjeta' rikorrenti sostniet li kontrarjament ghal dak li hemm dikjarat fil-fuq imsemmija Ordni, din l-esproprijazzjoni mhix qed issir ghal skop pubbliku kif hemm mahsub fil-Kapitolu 88 tal-Ligijiet ta' Malta u mhix qed issir fl-interess pubbliku izda sabiex jigi akkomodat l-interess purament

"Tikkonsidra s-segwenti:-

a) Ma jista' jkun hemm assolutament l-ebda dubju li l-operazzjoni u t-tmexxija ta' sptar privat, anke jekk immexxi fuq linji kummercjali, ghandha kontenut socjali qawwi in kwantu tali servizz ta' kura jifforma parti mill-infrastruttura ta' kura accessibbli ghall-pubbliku in generali. Dan jakkwista aktar sinifikat f'cirkostanzi fejn l-Istat – kif hu pacifiku li sehh fiz-zmien rilevanti – jadotta politika li jiffavorixxi l-partecipazzjoni tal-privat biex jipprovdi facilitajiet ta' kura alternattivi ghal dawk ta' l-Isptarijiet pubblici. Ma kien hemm allura l-ebda dubbju illi l-fatt li kien ser jigi zviluppat Sptar privat kien fih innifsu zvilupp ta' interess pubbliku.

b) Wisq anqas jista' jkun hemm dubbju illi l-holqien u l-kostruzzjoni ta' toroq li jipprovdu access ghall-pubbliku in generali minn post ghal iehor hu forsi il-manfestazzjoni l-aktar cara u qawwija ta' servizz moghti lill-pubbliku. Il-pubblicita' fl-uzu ta' toroq li jiggarantixxu access ilha minn zmien immemori, sa minn qabel l-Imperu Ruman, rikonoxxuta bhala wahda mill-funzjonijiet essenzjali ta' l-attivita' ta' l-Istat. Infatti, fil-fehma tal-Qorti, l-appellant ma setax isib raguni aktar dghajfa minn dik taht ezami biex jikkontesta l-operat ta' l-awtoritajiet kompetenti citati f'din l-istanza.

d) Certament ma seta' jkun hemm l-ebda limitazzjoni fuq il-jedd ta' l-Istat li jipprovdi toroq ghall-access tal-pubbliku ghal kwalunkwe destinazzjoni, sew jekk hi wahda ta' indole pubblika, kif ukoll ta' indole privata, ghaliex dan kien propju l-mezz kif jassigura l-izvilupp ordinat tal-pajjiz…

Kien ghalhekk ukoll illi filwaqt illi l-principju rikonoxxut mill-organi gudizzjarji ewropej kien illi "the taking of property without payment of an amount reasonably related to its value would normally constitute a

---

privat ta' Golden Shepherd Group Ltd., fl-investiment progettat taghha;

disproportionate interference, legitimate objectives of "public interest" such as pursued in measures of economic reforms or measures designed to achieve a greater social justice, may however call for less than the reimbursement of the full market value...

Kif sewwa gie ritenut minn din il-Qorti f'diversi insenjamenti taghha, fosthom fis-sentenza "**Dr. Carmelo Vella et vs. Segretarju tad-Djar et**" li fuqha strah l-istess appellant fir-rikors ta' l-appell tieghu "haga jew ghemil ma jitqiesx li sar fl-interess pubbliku jekk jaqdi l-interess privat. L-interess huwa dejjem privat meta m'ghandux applikazzjoni ghall-generalita' tac-cittadini". Fil-kaz taht ezami l-esproprjazzjoni manifestament kellha applikazzjoni ta' beneficcju ghall-kollettivita'."

Fil-kawza fl-ismijiet **Pawlu Cachia vs Avukat Generali et**[17] deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-28 ta' Dicembru, 2001 il-Qorti accennat ghas-segwenti principji [liema principji jkomplu jelaboraw l-insenjament ta' din il-Qorti f'gjudikati ohra, fosthom fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet "L-Onor. Perit Dominic Mintoff et – vs – Onor Prim Ministru et", deciza fit-30 ta' April, 1996]:

a) Il-ligijiet li jaghtu s-setgha lill-Istat li jesproprja proprjeta' ta'
individwi huma rikonoxxuti bhala mehtiega f'socjeta' demokratika biex jassiguraw l-attwazzjoni ta' zvilupp socjali u ekonomiku fl-interess tal-kollettivita'. Hu pacifiku li dan id-dritt huwa rikonoxxut kemm fl-art. 37 tal-Kostituzzjoni kif ukoll fl-ewwel artikolu ta' l-ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Infatti l-Kostituzzjoni tipprovdi li ebda haga fl-art. 37, li jenuncja l-jedd fondamentali ta' l-

---

[17] Ir-rikors kien jirrigwarda art u fond f'Benghajsa propjeta' tar-rikorrent li harget fuqha kl-ittra ufficjali ghal xiri assolut fl-1969, kif ukoll hareg l-avviz ghal ftehim dwar il-kumpens, liema kumpens ir-rikorrent ma accettax. Meta gie intavolat ir-rikors parti mill-art qed tintuza mill-Malta Freeport, parti sostanzjali ta' l-art, inkluz il-fond "Falcon House" kienet r-residenza tar-rikorrent u ghalhekk fil-pussess tieghu. Il-Gvern ghadu ma utilizzax dawn il-partijiet, izda l-Gvern baqa jirrifjuta kli jirrilaxja dawn l-artijiet. Ghalhekk ir-rikorrent sostna li ma jezistix interess pubbliku ghat-tehid ta' dawn l-artijiet.

individwu kontra t-tehid obligatorju tal-proprjeta’ tieghu, “m’ghandha tinftiehem li tolqot l-ghemil jew il-hdim ta’ xi ligi sa fejn tipprovdi ghat-tehid ta’ pussess jew akkwist ta’ proprjeta`..............” Fl-istess vena l-ewwel artikolu ta’ l-ewwel Protokoll, li wkoll jenuncja l-istess dritt, jipprovdi li d-disposizzjonijiet f’dak l-artikolu “m’ghandhom bl-ebda mod inaqqsu d-dritt ta’ Stat li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhirlu xierqa biex jikkontrolla l-uzu ta’ proprjeta’ skond l-interess generali jew biex jizgura hlas ta’ taxxi jew kontribuzzjonijiet ohra jew pieni”.

b) Kellu jkun ukoll manifest illi d-dritt moghti lill-Istat li b’ligi jesproprja l-proprjeta tal-privat, ma kienx u ma huwiex wiehed assolut u insindakabbli, izda kellu jigi ezercitat strettament fil-parametri stabbiliti mhux biss fil-ligi li tawtorizza l-esproprju, imma wkoll fl-osservanza shiha tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni. F’dan ir-rigward l-operat ta’ l-Istat hu soggett ghall-verifika mill-organi gudizzjarji.

c) Id-dritt ta’ l-esproprju moghti lill-Istat ghandu jitqies li hu eccezzjoni, ossia limitazzjoni tad-dritt fondamentali ta’ kull individwu li jgawdi il-proprjeta’ pacifika tal-possedimenti tieghu. Dan ifisser li l-jedd ta’ l-individwu kellu jipprevali fejn l-Istat ma jkunx issodisfa adegwatament l-osservanza tad-dettami tal-Kostituzzjoni, tal-Konvenzjoni jew tal-Ligi li bis-sahha taghha agixxa. Il-limitazzjonijiet tal-jeddijiet fondamentali, kif enuncjati kemm fil-Kostituzzjoni kif ukoll fil-Konvenzjoni, kellhom allura jigu applikati restrittivament fis-sens li f’kaz ta’ dubju dak id-dubju kellu jmur favur l-individwu u mhux favur l-Istat. Dan naturalment ma jfissirx li fejn l-Istat ghandu margini wiesgha ta’ azzjoni dan kellu jigi b’xi mod imnaqqas jew imxekkel b’xi process ta’ interpretazzjoni.

d) Una volta l-limitazzjoni kienet favur l-Istat, kien jispetta lil, u
jinkombi fuq, l-Istat li jipprova adegwatament li fil-kaz partikolari taht ezami kienu jokkorru dawk l-elementi sine qua non mehtiega biex jintitolawh jagixxi fil-konfront ta’ l-individwu b’mizura, in forza ta’ ligi, li tkun ser tipprivah mill-possedimenti tieghu jew l-uzu taghhom. Rikonoxxut li d-dritt ta' l-Istat li jesproprja jew jillimita l-uzu tal-

possedimenti ta' l-individwu kien jikkostitwixxi deroga tal-jedd fondamentali u limitazzjoni tieghu, kien car illi dak id-dritt kellu jigi ezercitat biss fejn u sa kemm kien necessarju. Dan ghax kien fuq kollox obbligu primarju ta' l-Istat li jirrikonoxxi d-drittijiet fondamentali ta' individwu, iwettaqhom u jharishom. L-Istat allura, ma kellux, bla raguni valida u gustifikattiva skond il-ligi, il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni, bla bzonn ixekkel il-jedd ta' individwu ghat-tgawdija tal-possedimenti tieghu, u tali xkiel fejn mehtieg, kellu mhux biss ikun proporzjonat, mal-htigijiet tal-kollettivita' imma wkoll ma kellux jestendi lil hinn mill-htigijiet taghha. Minn dan johrog il-principju bazilari ghall-mertu taht ezami li fejn il-process tat-tehid tal-proprjeta' ma jkunx gie konkjuz, u allura il-mizura setghet titqies f'dak l-istadju bhala wahda ta' tehid ta' pussess jew regolament ta' uzu ta' proprjeta', l-Istat kellu l-obbligu li jirrilaxxja l-possediment lill-individwu, proprjetarju taghhom biex igawdihom appena ikun jirrizulta li ma kienetx ghadha tokkorri r-raguni valida u gustifikattiva li pprovokat l-azzjoni ta' l-Istat."

Ta' min jinnota li fil-kawza fl-ismijiet **Salvatore Abdilla vs Onor. Segretarju Parlamentari ghall-Ambjent u Artijiet u Kummissarju ta' l-Artijiet**[18] il-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta' Mejju 2003 ikkwotat s-sentenza taghha [diversament komposta] tat-30 ta' Novembru, 2001 fl-

[18] L-allegazzjoni tar-rikorrent kienet li l-intimati dahlu fl-art tieghu abuzivament u illegalment fin-nuqqas ta' Dikjarazzjoni Presidenzjali antecedenti. Din il-proprjeta` tar-rikorrenti kienet tikkonsisti f`Razzett u bicca art mieghu li kienu jinsabu f`Notabile Road, Zebbug. Dan ir-razzett twaqqa' fis-sena 1985 u kemm l-art sottostanti kif ukoll dik il-bicca art li kellu mieghu gew inkorporati, kwazi fl-intierezza taghhom, fi progett ta twessiegh ta' triq. Skond ir-rikorrent l-art tieghu ttiehdet biex jigi vvantaggat certu Lorry Zammit li, mhux 'l boghod min fejn kellu l-art l-appellant, kellu l-hsieb li jiftah *petrol station* (din il-*petrol station* spiccat biex ma fethet qatt). Skond l-appellant, bl-art li ttehditlu it-triq twessghet b'tali mod li giet kwazi tizbokka go din il-*petrol station* li kienet ippjanata, b'mod li min ikun ghaddej mit-triq jispicca effettivament ikollu jidhol, irid jew ma jridx, f'din il-*petrol station*, b'vantagg ekonomiku evidenti ghall-istess Zammit.

ismijiet **Mario Cutajar noe vs Il-Kummissarju ta' l-Art et** fejn kienet qalet:
"Il-Qorti Ewropea fir-rigward tas-sinjifikat tat-terminu "*the public interest*" fl-ewwel artikolu ta' l-ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, irriteniet illi "*a deprivation of property effected for no reason other than to confer a private benefit on a private party cannot be "in the public interest". Nonetheless the compulsory transfer of property from one individual to another may, depending upon the circumstances, constitute a legitimate aim for promoting the public interest*". Din l-enuncjazzjoni ta' principju fil-kawza James and others (1986) giet ulterjorment elaborata fl-istess gudizzju hekk: "*The taking of property effected in pursuance of legitimate social, economic or other policies may be "in the public interest" even if the community at large has no direct use or enjoyment of the property taken".*
In forza ta' dan ikkonfermat din il-parti tas-sentenza tal-Prim' Awla fejn kienet qalet:
"Huwa fatt, pero`, illi ancorche` huwa veru dak li jallega r-rikorrenti li t-tehid ta' l-art tieghu saret biex takkomoda l-interessi ta' terz privat (u din il-Qorti tasal biex taccetta li almenu t-tehid sar ukoll fl-interess ta' dan it-terz), b'daqshekk mhux eskluz l-iskop pubbliku kontemplat fl-Artikolu 2 tal-Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta li, kif inghad, ma jeskludix il-possibilita` li l-akkwist ikun jinvolvi interess ta' terz; tant hu hekk li 'skop pubbliku' huwa definit, fost ohrajn, bhala dak l-iskop "li ghandu x'jaqsam ma' jew jiswa ghall-interess jew qadi tal-pubbliku (sew jekk l-art tkun ghall-uzu tal-Gvern sew jekk le)" [19] u m'hemmx dubbju li 'Petrol Station' hija ghall-qadi tal-pubbliku."

Fil-kawza deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fl-10 ta' Ottubru 2003 fl-ismijiet **Francis Bezzina Wettinger et vs Kummissarju tal-Artijiet** [20] inghad:

---

[19] Hawnhekk l-ewwel Qorti kienet evidentement qed tikkwota mid-definizzjoni ta' "skop pubbliku" moghtija fl-Artikolu 2 tal-Kap. 88.

[20] Originarjament kien hemm il-hsieb li l-art tittiehed bhala parti minn progett agrikolu ("Izra u Rabbi"), li in segwitu pero` wara d-dekors ta' sentejn dan il-progett ma tkomplix u safa' abbandunat; li, in segwitu mbaghad bicciet mill-art ta' l-appellati nghataw b'kera, rinnovabbli annwalment, lil terzi; li l-uzu attwali ta' l-art

"Ma tistax tithalla fuq il-mera ipotesi ta' bzonn potenzjali, kif lanqas hu lecitu illi l-istat jibqa' jippriva individwu mit-tgawdija tal-possedimenti tieghu, meta l-uzu fl-interess pubbliku jew fl-interess generali, li kien originarjament jissussisti ma jibqax ghal xi raguni jew ohra mehtieg......

".....Kien l-istat li kellu jaghmel il-prova, mhux biss illi kien hemm konkretament il-htiega ta' l-uzu tal-proprjeta` fl-interess pubbliku jew fl-interess generali, imma wkoll li dak il-bzonn jibqa' jissussisti sal-mument meta l-art tkun ghaddiet definittivament f'idejn l-istat bit-temm tal-proceduri ta' esproprijazzjoni…

Isegwi allura li l-interess pubbliku kellu jibqa' jissussisti sa dakinhar li jigi ppubblikat dak il-kuntratt. Fil-fehma tal-Qorti wara li l-appellant kien stabbilixxa li l-iskop li ghalih kienet ser tigi esproprijata l-art – jigifieri skop agrikolu – gie abbandunat u ma kellux ghalfejn jara jekk setax kien hemm xi dipartiment iehor li ma kienx jidhol fil-vicenda li seta' kellu pjanijiet ohrajn.

F'dan l-istadju il-Qorti wara li ezaminat d-decizjonijiet tal-Qrati Maltin fuq is-suggett, u apparti r-riferenza li saret fuq gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja dwar id-drittijiet tal-Individwu meta giet ikkwotata parti mis-sentenza Mintoff vs Prim Ministru, tixtieq tiireferi ghal xi partijiet ta' sentenzi tal-Qorti Ewropeja. Harsa lejn id-decizjoni tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz ta' **James vs U.K.** [A98, para. 39-40 21-Feb-1986] wiehed jinnota:
*"39. The applicants' first contention was that the "public interest" test in the deprivation rule is satisfied only if the property is taken for a public purpose of benefit to the*

---

(skond ma ddikjara l-istess appellant) huwa pero` dak ta' l-insib ta' l-ghasafar ("*bird-snaring*"); li ghal diversi snin l-istess appellant deher propens li jirrilaxxja l-art lill-appellati; u li r-raguni ghan-nuqqas ta' rilaxx m'ghandha l-ebda konnessjoni ma' progetti ta' natura agrikola, imma minhabba progett imsejjah "Park Arkaeologiku" li ghadu pero` ma giex rrealizzat minkejja t-trapass ta' aktar minn kwart ta' seklu mid-Dikjarazzjoni Presidenzjali li saret fl-1976.

*community generally and that, as a corollary, the transfer of property from one person to another for the latter's private benfit alone can never be "in the public interest". In their submission, the contested legislation does not satisfy this condition.*

*The Commission and the Government, on the other hand, were agreed in thinking that a compulsory transfer of property from one individual to another may in principle be considered to be "in the public interest" if the taking is effected in pursuance of legitimate social policies.*

*40. The Court agrees with the applicants that a deprivation of property effected for no reason other than to confer a private benefit on a private party cannot be "in the public interest". Nonetheless, the compulsory transfer of property from one individual to another may, depending upon the circumstances, constitute a legitimate means for promoting the public interest. In this connection, even where the texts in force employ expressions like "for the public use", no common principle can be identified in the constitutions, legislation and case-law of the Contracting States that would warrant understanding the notion of public interest as outlawing compulsory transfer between private parties. The same may be said of certain other democratic countries; thus, the applicants and the Government citied in argument a judgement of the Supreme Court of the United States of America, which concerned State legislation in Hawaii compulsorily transferring title in real property from lessors to lessees in order to reduce the concentration of land ownership (Hawaii Housing Authority vs Midkiff 104 S.Ct.2321 (1984g));"*

Ghalhekk kif intqal fil-James Case tal-21 ta' Frar 1986 (A.98) fid-determinazzjoni ta' x'inhu public interest "*the margin of appreciation available to the legislature in implementing social and economic policies should be a wide one*" izda l-istess sentenza tkompli tghid "*unless that judgement be manifestly without reasonable foundation*".

Infatti fil-James Case fuq citat l-Qorti esprimiet ruhha hekk f'dan ir-rigward "*a deprivation of property effected for no other reason other than to confer a private benefit on a private party cannot be "in the public interest*."

Fil-kaz ta' **Sporrong and Lonnroth vs Sweden** [A52, para 69 (1982)] il-Qorti marret oltre meta qalet li l-Qorti:
*"had to determine whether a fair balance was struck between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights."*

Fuq dan il-kuncett f'din is-sentenza, Harris, Boyle, Warbrick fil-ktieb Law of the European Convention of Human Rights, p 516 et seq kitbu hekk:
*"The fair balance principle or test laid down in the Sporrong and Lonnroth case finds its authority in two complementary sources. The first is the general balance which the Court holds to be pervasive throughout the Convention between the enjoyment of individual rights an the protection of the public interest, the second is the substantive content of "law" as understood by the Strasbourg Authorities to include protection against the arbitary and disproportionate effects of an otherwise formally valid national law".*

Fl-imsemmija kawza ta' **Sporrong and Lonnroth v. Sweden** gew enuncjati tliet principji li, fil-kaz konkret, jistghu jigu applikati jew separatament jew inkella "*in combination*". Kif fissret il-Qorti Ewropea fil-kaz:
*"....this provision comprises three distinct rules. The first rule, set out in the first sentence of the first paragraph, is of a general nature and enunciates the principle of peaceful enjoyment of property; the second rule, contained in the second sentence of the same paragraph, covers deprivations of possession and makes it subject to certain conditions; and the third rule, stated in the second paragraph, recognises that contracting states are entitled, amongst other things, to control the use of property in accordance with the general interest. The three rules are not "distinct" in the sense of being unconnected: the second and third rules are concerned with particular*

*instances of interferences with the right to peaceful enjoyment of property and should therefore be construed in the light of the general principle enunciated in the first rule...." (A 52 para. 61).*

Dwar dan il-passagg minn din is-sentenza, Harris, O'Boyle u Warbrick fil-ktieb taghhom "Law of the European Convention on Human Rights" (Butterworths, London, 1995), jikkummentaw hekk:
*"The three sentences in Article 1 of the First Protocol will henceforth be referred to as Article 1/1/1, Article 1/1/2 and Article 1/2. It follows from the above passage that Article 1/1/1 is not only a statement of principle. It also provides a third, separate basis for regulating interferences with the "peaceful enjoyment of possessions" that do not qualify as a deprivation of a person's possessions subject to Article 1/1/2 or a control of the use of property subject to Article 1/2. For example, in the Sporrong and Lonnroth case itself, the Court found that the grant of expropriation permits, which did not fall under Article 1/1/2 or 1/2, was subject to control under Article 1/1/1 as an interference with the peaceful enjoyment of the houses concerned. When considering whether Article 1/1/1 has been complied with, the court applies a "fair balance" test. In the Sporrong and Lonnroth case, the Court stated: "For the purposes of [Article 1/1/1]....the Court must determine whether a fair balance was struck between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights. The search for this balance is inherent in the whole of the Convention and is also reflected in the structure of Article 1"." (op. cit., pp. 521, 522).*

Dwar il-kwistjoni jekk esproprijazzjoni tkun saret fl-interess pubbliku, il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem elaborat il-veduti taghha fuq il-bilanc bejn l-interess pubbliku u l-interess privat fil-kazijiet Lithgow and Others vs. U.K. (1987) and James and Others vs. U.K. (1986). Il-Qorti qalet:
*“The notion of “public interest is necessarily extensive.......The Court, finding it natural that the margin of appreciation available to the legislature in implementing*

*social and economic policies should be a wide one, will respect the legislative's judgment as to what is "in the public interest" unless that judgment will be manifestly without reasonable foundation…*

*A taking of property effected in pursuance of legitimate social, economic or other policies may be "in the public interest" even if the community at large has no direct use or enjoyment of the property taken."*

Ghalhekk il-Qorti sejra tissintetizza l-pozizzjoni dwar l-aspett ta' interess pubbliku hekk:
Biex it-tehid ta' proprjeta` privata jkun lecitu jrid ikun fl-interess pubbliku u mhux ghal skop pubbliku. Ma jiddipendix jekk l-oggett huwiex ta' interess pubbliku, izda jekk huwiex fl-interess pubbliku li l-Istat jakkwista dik il-proprjeta`. Irid ikun hemm interess ghall-generalita` tac-cittadini, ta' l-universalita` tal-pubbliku fl-istat. Il-harsien tal-proprjeta` privata hija wkoll fl-interess pubbliku. Wiehed irid izomm il-"*fair balance … between the demand of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights*" – dik li riedet il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawza ta' Sporrang and Lonnroth vs Sweden (A 52, para 69 (1982)). [Dwar id-distinzjoni bejn skop pubbliku u interess pubbliku ara wkoll Mousu` vs Direttur Lottu Pubbliku Pg. 271 u 272]. Irid jigi accertat li d-decizjoni mehuda tkun verament ittiehdet fl-interess pubbliku minghajr l-ezercizzju ta' l-arbitrarjeta` manifesta u fir-rispett tad-dritt fundamentali sancit bl-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja.

L-ewwel artikolu jittutela mhux biss l-esproprjazzjoni, izda anke cirkostanzi tali li jammontaw ghal esproprjazzjoni ***de facto*** (Sporrang vs Lonnroth) kif ukoll fil-kazijiet ta' Fredin u ta' Hentrich u ta' Holy Monasteries, Spadea and Scalabrino (control of the use of property).

Ghalkemm il-privazzjoni tal-proprjeta` privata tista' ssir ghall-utilita` pubblika dan ghandu dejjem ikun interpretat ristrettivament. Ghandu jigi evitat li l-individwu jigi

assoggettat ghall-privazzjonijiet arbitrarji tal-proprjeta` tieghu (James Cavendish).

Il-proprejta` privata ghandha tigi rispettata u l-privazzjoni tal-proprjeta` ghandha ssir taht kundizzjonijiet ben definiti ghalkemm l-Istat ghandu d-dritt li jirregola l-uzu tal-bini in konformita` ma' l-interess generali. Hemm bzonn li jkun hemm ekwilibrju realistiku bejn id-drittijiet tal-proprjetarju u l-ezigenzi tal-kollettivita` u m'ghandiex il-persuna esproprjata tissubixxi sagrificcju partikolari u esorbitanti (Hakansson & Sturesson). It-tehid ta' proprjeta` minghajr pagament ragjonevoli normalment jikkostitwixxi "*disproportionate interference*" ghalkemm l-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokoll ma jiggarantix id-dritt ghal kompersazzjoni shiha jew skond is-suq (9/12/94 Holy Monasteries). Dejjem irid ikun hemm "a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim pursued" (5/5/95 – Air Canada).

Ukoll "*a deprivation of property effected for no reason other than to confer a private benefit on a private party cannot be "in the public interest". Nonetheless the compulsory transfer of property from one individual to another may, <u>depending upon the circumstances, constitute a legitimate aim for promoting the public interest</u>"*. Din l-enuncjazzjoni ta' principju fil-kawza James and others (1986) giet ulterjorment elaborata fl-istess gudizzju hekk:
*"The taking of property effected in pursuance of legitimate social, economic or other policies may be "in the public interest" even if the community at large has no direct use or enjoyment of the property taken".*

L-interess pubbliku irid ikun gie identifikat b'mod konkret (Pawlu Cachia). Id-dritt tal-Istat ghall-esproprjazzjoni ghandu jigi ezercitat biss sakemm u sa fejn hu necessarju (Pawlu Cachia). Irid ikun hemm progett konkret "Mhux eskluz li proprjeta` tigi esproprjata fl-interess pubbliku ghax kien hekk mehtieg biex tigi assigurata l-attwazzjoni kompleta ta' progett ta' utilita` partikolari fil-kuntest ta' l-izvilupp partikolari taz-zona jew biex taghti lok per ezempju ghal espansjoni futura ta' l-istess progett" (Pawlu

Cachia pg. 34) basta li din ma tkunx fuq mera ipotesi izda tirrizulta posittivament lill-Qorti.

L-emissjoni tad-dikjarazzjoni tal-President u proceduri konnessi huwa biss l-ewwel stadju fil-process ta' esproprjazzjoni. Dan il-process jintemm meta jsir il-kuntratt ta' trasferiment (Pawlu Cachia Pg. 37) u ghalhekk l-interess simboliku ghandu jibqa' jissussisti sa tali data tal-kuntratt minhabba li l-persuna li tkun ser tittehdilha l-art li tkun ghada l-proprjetarja sal-mument tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt. Id-dikjarazzjoni tal-President tkun certament legali (mhux nulla) jekk ma jibqax jezisti l-interess pubbliku izda meta jispicca dak l-interess ma tibqax aktar legittima."

Wara li gew enunzjati dawn il-principji, huwa car li, salv dak li sejjer jigi ezaminat aktar 'l isfel taht l-artikolu 7 tal-Kap 319, certament ir-rikorrenti giet mehuda l-proprjeta` lilha u ma rcevietx il-kumpens dovut ghal numru ta' snin, b'mod li dan certament jinkappa ma' dak li jghid l-ewwel artikolu ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja. Ma hemmx ghalfejn ta' ripetizzjoni tal-fatti izda huwa bizzejjed li jigi mfakkar li parti mill-proprjeta` mehuda spiccat ghand terzi (u dan mhux ghal xi interess pubbliku), parti ma ntuzatx, u partijiet ohra intuzaw pero` wara tant snin il-kumpens ghadu ma thallasx u anke damu ma bdew il-proceduri ghal zmien enormement twil. Il-principju huwa dejjem li fl-interess pubbliku tittiehed il-proprjeta` izda jrid necessarjament ikun jezisti dak l-interess pubbliku u jsir il-kumpens dovut.

Il-Kummissarju ta' l-Artijiet jikkontendi li tehid tal-proprjeta` in kwistjoni sar qabel l-1987 u li ghalhekk l-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja mhux applikabbli stante l-artikolu 7 tal-Kap 319. Infatti dan l-artikolu jghid hekk:
"Ebda ksur ta' l-Artikoli 2 sa 18 (inkluzi) tal-Konvenzjoni jew ta' l-Artikoli 1 sa 3 (inkluzi) ta' l-Ewwel Protokoll li jsir qabel it-30 ta' April 1987 jew ta' l-Artikoli 1 sa 4 (inkluzi) tar-Raba' Protokoll, l-Artikoli 1 u 2 tas-Sitt Protokoll jew ta' l-Artikoli 1 sa 5 (inkluzi) tas-Seba' Protokoll li jsir qabel l-1

ta' April 2002, ma ghandu jaghti lok ghal xi azzjoni taht l-artikolu 4."

Il-Kummissarju ta' l-Artijiet jikkontendi fuq il-bazi ta' dan l-artikolu li l-att huwa wiehed prospettiv u mhux retrospettiv fl-applikazzjoni tieghu u li xejn li sar qabel il-promulgazzjoni ta' l-att ma jista' jigi sindikat a bazi tieghu.

Issa naturalment tqum il-kwistjoni li jekk wiehed jaccetta dak li qed jghid il-Kummissarju ta' l-Artijiet tibqax il-problema ta' dak li sar mill-1987 'l quddiem, u dan fis-sens li l-Kummissarju jargumenta li dak li sar kien ta' natura instantanja u mhux kontinwa.

Hawnhekk il-Qorti bil-fors tirreferi ghas-sentenza fil-kaz ta' Pawlu Cachia fuq imsemmija fejn il-Qorti kienet waslet ghall-konkluzjoni li l-Artikolu 7 tal-Kap 319 kien japplika ghat-tehid li kien sar ta' l-art in kwistjoni peress li skond l-istess Qorti d-Dikjarazzjoni Presidenzjali li tohrog fit-termini ta' l-Artikolu 3 tal-Kap 88 meta art tkun mehtiega ghal skop pubbliku ma tikkostitwixxix att ta' espropriju izda biss att illi juri l-"hsieb" tal-Gvern li jesproprija liema espropriju l-Qorti qieset illi jsir biss meta jsir il-kuntratt ta' trasferiment finali.

L-abili difensur tal-Kummissarju ta' l-Artijiet fin-nota estensiva tieghu ta r-ragunijiet tieghu halli l-Qorti tasal ghal konkluzjoni differenti, izda din il-Qorti kif presjeduta taqbel perfettament li qabel ma jkun sar it-trasferiment finali certament li wiehed ma jistax jitkellem fuq esproprjazzjoni veru u propja. Dan iwassal ghall-fatt li peress li l-kuntratt ghadu ma sarx (u certament f'dak li sar wara t-30 ta' April 1987) jikkostitwixxi l-vjolazzjoni ta' l-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja.

***<u>D8. L-Artikolu 39 (2) tal-Kostituzzoni u ta' l-Artikolu 6 talKonvenzjoni Ewropea</u>***

Il-Kummissarju ta' l-Artijiet fil-hames eccezzjoni tieghu sostna li:

"Illi, bla pregudizzju ghas-suespost, l-Artikoli 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni mhumiex applikabbli ghall-kaz odjern stante li ma jezistu

ebda proceduri quddiem xi tribunal, bord jew qorti izda hija biss azzjoni amministrattiva li qed tkun impunjata."

Din il-Qorti kif presjeduta kellha l-okkazjoni tidhol fil-materja in kwistjoni fil-kawza **Balzan vs Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku**, deciza fl-14 ta' Gunju 2002 fejn intqal:
"Ikun ahjar f'dan l-istadju li jigu kkwotati l-imsemmija artikoli.

Kost - 39. (2) Kull qorti jew awtorità ohra gudikanti mwaqqfa b'ligi ghad-decizjoni dwar l-ezistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi civili ghandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proceduri ghal decizjoni bhal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità ohra gudikanti bhal dik, il-kaz ghandu jigi moghti smigh xieraq gheluq zmien ragonevoli.

Konv - Kap 319 - L-Ewwel Skeda Artikolu 6
(1) Fid-decizzjoni tad-drittijiet Civili u ta' l-obbligi tieghu jew ta' xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa ntitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi. Is-sentenza ghandha tinghata pubblikament izda l-istampa u l-pubbliku jista' jigi eskluz mill-proceduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, ta' l-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f'socjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-hajja privata tal-partijiet hekk tehtieg, jew safejn ikun rigorozament mehtieg fil-fehma tal-qorti f'cirkostanzi specjali meta l-pubblicità tista' tippregudika l-interessi tal-gustizzja.

Minn ezami ta' dawn l-artikoli fl-isfond tal-kawza odjerna johorgu cari diversi fatturi:

A. Li fil-Kostituzzjoni l-artikolu 39 (2) jitkellem dwar "Kull qorti jew awtorità ohra gudikanti mwaqqfa b'ligi ghad-decizjoni dwar l-ezistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi civili". Ta' min josserva li fl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni dwar it-Tifsir – ma hemmx definizzjoni la ta'

**qorti** u lanqas ta' **awtorità ohra gudikanti mwaqqfa b'ligi.** L-istess kelma u frasi jistabu fis-sub-artikoli (3) u (4) tal-istess artikolu. Izda l-kliem uzat mill-Kostituzzjoni huwa tant car u ma jhalli ebda dubbju ghal xiex qieghed jirreferi – u cioe' Qorti u certament mhux qieghed jirreferi ghal Public Service Commission jew ghall-Prim Ministru fil-mansjonijiet tieghu ghall-hatriet fic-civil. Fil-Qorti hemm kontestazzjoni [li ser sir riferenza aktar ampja ghaliha] kemm fil-kamp Kriminali kif ukoll fil-kamp Civili – u cioe' jekk ghandux ragun il-prosekutur li jakkuza jew l-imputat li jsostni l-innocenza tieghu taht l-akkuza fil-kamp kriminali; u hemm kontestazzjoni fil-kamp civili jekk hux l-parti jew l-ohra li ghandha ragun taht il-ligijiet u ippruvatux skond il-ligijiet tal-pajjiz. Dan certament mhux dak li taghmel il-PSC specjalment fir-rakkomandazzjonijiet taghha ghal hatriet. Il-PSC tirrakkomanda u m'ghandhiex id-decizjoni finali. Id-decizjoni taghha mhux titolu ezekuttiv jew sentenza ta' kundanna izda rakkomandazzjoni. U hija rakkomandazzjoni mhux biss ghax inzerta li kienet intuzat dik il-kelma u mhux ohra aktar deskrittiva u approprija, izda ghax verament dak hu li taghmel u dan kif definita fil-ligi. Il-PSC ma hijiex xi Tribunal.

B. Certament lanqas ghandu l-Prim Ministru [u certament anqas minnu xi Ministru] xi funzjoni vestita fil-Qrati jew Tribunal li jiddeciedi jew jinterpreta xi ligi. Il-funzjonijiet tieghu huma differenti u johorgu cari minn ligijiet izda huwa car li ma ghandux tali funzjoni. Kieku kellu l-funzjoni li mill-Kostituzzjoni hija vestita fil-Qrati kien ikun hemm ksur ta' wiehed mill-aktar principji fundamentali li fuqu hi bbazata l-Kostituzzjoni u cioe' dak tas-Seperation of Powers.

C. Mill-Kostituzzjoni stess tohrog car id-distinzjoni bejn **qorti** u **awtorità ohra gudikanti mwaqqfa b'ligi** u dan specjalment wara li wiehed jezamina l-artikoli 39 (1) u (2) fejn wajda tirreferi ghal akkuza kriminali waqt li l-ohra tirreferi ghal drittijiet civili u obbligi. Fil-kaz ta' akkuza kriminali l-Kostituzzjoni tikkunsidra biss qorti, u meta titkellem fuq il-qrati ssemmi zewg tipi ta' qrati – s-superjuri u l-inferjuri u ghalhekk ghandhom gurisdizzjoni kriminali biss l-Qorti tal-Magistrati [kemm bhala Qorti ta' Gudikatura

Kriminali kemm ghall-iskop tal-Inkjesti] il-Qorti Kriminali u l-Qorti tal-Appell Kriminali. Kull awtorita’ ohra ma hijiex kompetenti ghal offizi kriminali. Meta nhatru l-Kummissarji tal-Gustizzja, l-akkuzi gew depenalizzati, u dak li jigi ezaminat mill-Kummissarji mhumiex offizi kriminali izda infrazzjonijiet amministrattivi.

D. Interessanti kien ukoll dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza “**Il-Pulizija vs Emmanuel Vella**” [28/6/1983] fejn ma qablitx ma’ dak li kienet qalet il-Prim’Awla tal-Qorti Civili fl-interpretazzjoni taghha tal-kelma **qorti** minhabba li kienet wisq wiesgha u inkludiet kull forma ta’ Tribunal u awtorita’ fejn hemm decizzjonijiet. Dak il-kaz kien jikkoncerna l-Price Control Board u kien hemm decizjoni li l-Bord ma kienx indipendenti u ghalhekk kontra l-Kostituzzjoni. Izda l-Qorti Kostituzzjonali hasset li billi l-Bord kien riferut bhala Qorti fl-Avviz Legali 8 tal-1982 wiehed dejjem ried ihares lejn l-artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni. Ghalhekk tribunal “de quo” mhux Qorti ghall-iskop tal-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni. Ghalhekk mhux kompetenti biex u ma ghandux gurisdizzjoni jiddeciedi offizi kriminali li kien akkuzat bihom Vella. Ara wkoll kaz simili ta’ Coreschi vs Kummissarju tal-Pulizija et [21/7/1989] fejn il-Qorti qiset li l-Kummissarju tal-Pulizija ma setax jigi kkunsidrat qorti u ghalhekk ir-Reolament 23 tal-Motor Vehicles Act 1948 kien jikser il-Kostituzzjoni. Ebda persuna ma tista’ tigi kkundannata b’penali kriminali sakemm mhux f’qorti ta’ natura kriminali li jkun presedut minn Magistrat jew Imhallef.

E. Dan l-artikolu japplika biss fejn hemm funzjoni gudizzjarja u la l-PSC u lanqas il-Prim Ministru ma ghandhom jew jista’ jkollhom tali funzjoni.

F. Fil-kawza deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta’ Gunju, 1988 fl-ismijiet **Rose Anne Galea vs Onor Prim Ministru et** [Vol LXXII-I-26] il-Qorti Kostituzzjonali qalet:
“Il-Bord ta’ dixxiplina m’ghandu f’dan l-istadju ebda funzjoni li jinvestiga l-allegazzjoni li kien hemm vjolazzjonijiet tal-Kostituzzjoni jew tal-Ewwel Skeda tal-Att XIV tal-1987 da parti tal-Bord tal-Inkjesta, liema allegazzjoni tifforma l-meritu tal-kawza izda l-funzjoni

tieghu hija li jezamina l-fatti tal-kaz u li a bazi ta''dawn il-fatti jasal ghall-konkluzzjonijiet tieghu dwar dak li qed jigi migjub kontra r-rikorrenti".

G. Fil-kawza deciza mill-Qorti Kostituzzjonali **Antonia Bartolo et nomine vs Onor Prim Ministru et** deciza fid-29 ta' April, 1996 [spiss riferuta bhala l-kaz tal-Piper Lance li telaq mit-Tunezija ghal Malta] gie ritenut li dak il-Bord la kien qorti u lanqas ta' awtorità ohra gudikanti mwaqqfa b'ligi. Din kienet inkjesta amministrattiva.

H. Fil-kawza fl-ismijiet **Eddie Cachia vs Dr Joe Galea Debono et** [deciza fil-21 ta' Mejju, 1993] il-Qorti Kostituzzjonali waslet ghall-konkluzjoni li l-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji ma setghetx titqies bhala qorti ghall-iskop tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u dan wara li qalet li qorti trid tkun indipendenti u imparzjali u s-smiegh isir fil-pubbliku; u li l-persuna koncernata jrid ikollha l-opportunita' li ggib l-provi kollha; irid ikollha l-poter li tiddetermina l-ezistenza u l-kobor ta' dritt civili jew obbligu jew l-ezistenza ta' reat. Il-Qorti Kostituzzjonali kienet waslet ghall-konkluzjoni li l-Kummissjoni ma kinitx stabbilita biex tiddecidi dwar drittijiet civili u obbligi izda li tinvestiga ilmenti maghmulin minn rikorrent li jhoss li jkun baghta ingustizzja maghmula mill-Gvern. Ara wkoll fuq il-Kummissjoni **Antoine Tagliaferro et vs l-Onor Prim Ministru** [5/10/95 mill-PA] fejn gie ribadit l-istess principju li l-Kummissjoni ma kellix poter li taghti decizjoni finali vinkolanti u li kull ma kienet taghmel taghti parir. Fil-kummissjoni l-proceduri ma kinux isiru fil-pubbliku; m'hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet u l-partijiet ma jidhrux f'sistema avversarja.

I. Fil-kaz in ezami l-funzjoni tal-PSC kien li tohrog l-applikazzjonijiet, tappunta Bord ta' Ghazla, tigi maghzula l-persuna, u ssir ir-rakkomandazzjoni. Il-Prim Ministru jekk jaqbel kellu jiehu hsieb li tohrog il-hatra. Il-funzjoni ta' Qorti jew awtorita' ohra gudikanti ghandha rwol ferm differenti b'mod li tapplika l-ligi tal-pajjiz wara li tezamina l-kontestazzjoni ta' bejn il-partijiet u taghti d-decizzjoni taghha [u mhux rakkomandazzjoni] finali [l-appell u

konferma jew revoka ma ghandhomx jaffetwa s-sinifikat ta' dak li qieghed jinghad].

J. Naturalment irid ikun hemm kontestazzjoni li trid tigi ezaminata fid-dawl tal-ligi tal-pajjiz u l-Qorti jew awtorita ohra gudikanti trid taghti d-decizjoni taghha. Fil-kaz in ezami ma kienx hemm kontestazzjoni bejn il-partijiet izda se mai konkors.

Bl-istess mod ma jidhirx applikabbli ghal kaz in ezami l-artikolu 6 tal-Ewwel Skeda Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem - Kap 319. Dan jipprovdi li fid-decizjoni tad-drittijiet Civili u ta' l-obbligi tieghu jew ta' xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa ntitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi. Certament mhux qieghed jitkellem fuq rakkomandazzjonijiet tal-PSC jew hatriet mill-Prim Ministru.

a. F'**Belilos vs Switzerland** [29/4/88 Series A-132 para 64] insibu definizzjoni ta' tribunal:
*"….a tribunal is characterised in the substantive sense of the term by its judicial function, that is to say determining matters within its competence on the basis of rules of law and after proceedings conducted in a prescribed manner….It must also satisfy a series of further requirements – independence, in particular of the executive; impartiality; duration of its members' terms of office; guarantees afforded by its procedure – several of which appear in the text of Article 6 (1) itself."*

b. F'**Campbell vs Fell** [ 28/6/84 Series A 80 p33 para 76] Tribunal ma jridx necessarjament jiftiehem *"a court of law of the classic kind, integrated within the standard judicial machinery of the country"* [ara wkoll **X vs UK** 5/11/81 Series A no 46 p.23 para 53]. Hawn wiehed irid isemmi li tribunal irid ikun *"an authority with power to decide legal disputes with binding effect for the parties"* [**Sramek vs Austria** 22/10/84 Series A no 84 p.17 para 36]. Ukoll f'**Benthem vs The Netherlands** *[23/10/85 Series A no 97* ] jinghad li ghall-iskop tal-Konvenzjoni

tribunal jfisser *"bodies which exhibit common fundamental features, of which the most important are independence and impartiality, and the guarantees of judicial procedure".*

c. Interessanti ferm hu dak li intqal f'**Van de Hurk vs the Netherlands** *[19/4/94 Series A no 288 – A para 45: "The power to give a binding decision which may not be altered by a non-judicial authority to the detriment of an individual party is inherent in the very notion of a "tribunal", as is confirmed by the word "determination"….This power can also be seen as a component of the "independence" required by Article 6 (1*)" u dan wara li l-Qorti kkunsidrat u rabtet flimkien in-nozzjoni ta' tribunal indipendenti man-nozzjoni ta' decizzjoni ta' dritt jew obbligu.

F'dan il-kaz gie ritenut li l-artikolu 6 gie miksur ghax il-Gvern kien awtorizzat bil-ligi biex ma jimplimentax decizjoni tal-Qorti ghalkemm fil-fatt il-Gvern ma kiex ezercita dan id-dritt.

d. Wiehed irid joqghod ferm attent x'jinkludi bhala qorti u infatti f'**de Jong**, **Baljet** u **Van der Brink** [22/5/84 Series A-77, p.23, para 48] il-parir tal-"*auditeur-militair*", ghalkemm dejjem segwit, bhala tali ma kienx jorbot u ghalhekk ma jistax jitqies bhala ordni gudizzjarju. Mhuwiex sufficjenti biex korp jitqies qorti li tista' taghmel rakkomandazzjonijiet jew pariri, jekk dawn fil-fatt ma jorbtux.

e. Il-proceduri ta' sotto-kumitat ta' Sptar, li kien kecca impjegata, u tal-Kumitat tat-tmexxija ta' l-Isptar li ikkonferma d-decizjoni tas-sottokumitat, ma kienx kunsidrat li jaqgha fl-ambitu tal-artikolu 6 (1) fl-Applikazzjoni 5934/72 kontra r-Renju Unit minhabba li ebda minn dawn il-kumitati ma kienu qorti u lanqas ma kienu qedghin jippruvaw jiddecidu gudizzjarjament d-drittijiet tal-applikant fis-sens ta' korp indipendenti u fuq il-partijiet koncernati b'mod li kien qieghed jiddecidi kontestazzjoni bejnithom.

f. Hu essenzjali li biex jigu invokati dawn l-artikoli irid ikun hemm "*contestation*" quddiem xi **qorti** jew **awtorità ohra gudikanti mwaqqfa b'ligi.** Dwar dan il-punt Van Dijk u Van Hoof – Theory and Practice of the European Convention on Human Rights Pg 296-297 -kitbu hekk:
*"For article 6(1) to be applicable, there must be question of a "determination" of a right or obligation. From the fact that here the French speaks of "contestations" it may be inferred that the settlement of a dispute concerning a right or obligation must be at issue."* Ara fl-istess sens Petit, Descaux et Imbert – La Convention Europeenne de Droit de l'Homme – 1995 – pg 249.

g. Fuq l-istess punt insibu D J Harris, M O Boyle, u C Warbrick fil-ktieb taghhom Law of the European Convention on Human Rights fejn jghidu hekk:
*"For article 6 to apply there must be a "dispute" at the national level between two private persons or between the applicant and the state the outcome of which is determinative of the applicants civil rights and obligations. The need for a dispute follows fom the word "contestation" in the French text of Article 6".*

h. Huwa interessanti l-kaz ta' Van Marle and Others [Series A – 101, pagna 12, para 36] fejn insibu:
*"The complaints made by the applicants to the Board of Appeal concerned, in essence, what they regarded as an incorrect assessment of their competence by the Board of Admission. The board of Appeal re-examined the applicants, calling them to interviews at which they had the opportunity to comment on balance sheets they had drawn up…*
*An assessment of this kind, evaluating knowledge and experience for carrying on a profession under a particular title, is akin to a school or University examination and is so far removed from the exercise of the normal judicial function that the safeguards in Article 6 cannot be taken as covering resultant disagreements."*

Ghalhekk ma kienx hemm *"contestation"* kif definit fl-Artikolu 6. Ir-rikorrent f'fol 74 tal-process jaghmel referenza ghad-*dissenting judgement* tal-Professur John

Cremona li kien deherlu li l-Bord tal-Appell kien *"judicial tribunal"* u hass li kien hemm "contestation". Ghab-bazi ta' dan ir-rikorrent jsostni li fil-kaz tieghu ghalhekk ukoll hemm il-"contestation". Il-Qorti tirrileva li dan kien dissenting judgement, ma' liema interpretazzjoni ma taqbilx.

i. Fil-kaz "**Neigel versus France**" (17.03.97) paragrafu 43 il-Qorti Ewropea qalet hekk:
*"The Court observes that in the law of many member States of the Council of Europe there is a basic distinction between civil servants and employees governed by private law. This has led it to hold that "disputes relating to the recruitment, careers and termination of service of civil servants are as a general rule outside the scope of Article 6(1)."*

j. Interessanti ferm huwa l-punt sollevat mir-rikorrent f'wahda min-noti tieghu u precizament dak a fol 124 fejn ir-rikorrent jissottometti li dak li l-intimat qeghdin jobjettaw li jekk hemm vjolazzjoni din *se mai* ma gietx kommessa minn qorti u jsostni li dan ma jissufraga lill-intimat propju xejn u ma jezimix mir-responsabbilta` moghtija mill-Kostituzzjoni [**Consiglio C et vs Air Supplies and Catering Company Limited** – Q Kostit 11/8/00] u mill-Konvenzjoni Ewropea [Ringeisen 16/7/71 Series A numru 13 segwit mill-Konig 28/6/78 Series A numru 27]. Isostni li d-drittijiet fundamentali minhabba n-natura fundamentali taghhom ikunu mharsa minn kull vjolazzjoni, gejja mnejn gejja u irrefera wkoll ghall-kaz ta' **Falzon vs Prim Ministru et** [PA 30/4/01]. Dan hu argument li din il-Qorti kif presjeduta tapprezza hafna, biss li thoss li, ghalkemm ghandu u zgur li eventwalment sejjer jidhol fis-sistema legali ta' pajjiz li jiftahar tant bid-drittijiet fundamentali, s'issa sfortunatament ghadu mhux stabbilit. Ikun hemm il-htiega tal-kuragg tal-politici taghna li f'sens ta' dover lejn il-pajjiz jiehdu tali passi, jew li jkun hemm quddiem din il-Qorti kawza direttament fuq dan il-punt li tobbliga u taghti l-opportunita` lill-Qorti li tasal possibilment ghal dan. Izda kif intavolata l-kawza odjerna dan mhux permissibbli."

Certament li l-agir tal-Kummissarju ta’ l-Artijiet ma jistax jitqies bhala wiehed ta’ qorti jew awtorita` ohra gudikanti (ara wkoll f’dan il-kuntest **Pulizija vs Emanuel Vella**, 28/06/1983, Qorti Kostituzzjonali; **Antonia Bartolo vs Prim Ministru**, 29/04/1996, Qorti Kostituzzjonali).

Izda jifdal dejjem li l-proceduri quddiem il-Bord ta’ l-Arbitragg Dwar l-Artijiet huma koperti mill-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni ghal dak li sar quddiem il-bord.

***D9. Rimedju:***

L-argument tas-socjeta` rikorrenti hu li fejn ikun hemm vjolazzjoni ta’ dritt fundamentali ghandu jinghata rimedju li ghandu jkun adegwat sabiex jirrispondi ghal tali vjolazzjoni li jkopri mhux biss id-dannu fattwali li gie soffert u cioe` dannu li jkopri t-telf u l-pregudizzju soffert izda ghandu anke jkun sufficjenti sabiex jindirizza l-istat vjolattiv u jekk huwa possibli jikkancella dak l-istat vjolattiv.

Kif jirrizulta min-nota ta’ l-istess socjeta` rikorrenti:
“ghandha tinghata huwa l-ewwel dikjarazzjoni li tali dewmien kif fuq sottomess jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fondamemtali ta’ l-esponenti kif protetti mill-Artikoli 37 u 39(2) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-Artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokol u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Fit-tieni lok, fir-rigward ta’ dawk il-*plots* ta’ art ghadhom ma gewx utilizzati ghandhom jinghataw lura lis-socjeta` rikorrenti u ghandu jigi ordnat hlas ta’ danni ghal tali tehid billi zvesta lis-socjeta` rikorrenti minn kwalunkwe pussess u uzu fuq tali art. Fit-tielet lok fir-rigward tal-*plots* li gew uzati d-Dipartimemt intimat ghandu jigi dikjarat responsabbli ghal dannu li ikkaguna lill-istess socjeta` rikorrenti billi minkejja t-trapass ta’ zmien ta’ aktar minn hamsa u ghoxrin sena hija ghadha ma thallset l-ebda kumpens…
Is-socjeta` rikorrenti tissottometti bir-rispett illi matul dawn is-snin hija xorta wahda kienet mgeghla mid-direttarju tac-cens perpetwu fuq dawn il-*plots* li gew esproprjati sabiex thallas lill-istess ic-cens tas-snin kollha. Ghal dan il-ghan sahansitra s-socjeta` rikorrenti giet citata quddiem l-Onorabbli Qorti taht l-att tac-citazzjoni numru 2383/1998

fejn giet imsejha minn Carmen Debrincat et sabiex thallas ic-cens dovut fuq l-art li l-istess socjeta` kienet akkwistat u li sussegwentement din giet esproprjata….”

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi wara li laqghet l-ewwel eccezzjoni ta' l-Avukat Generali u illiberat lill-Avukat Generali mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez;

Wara li cahdet it-tieni eccezzjoni tal-Kummisarju ta' l-Artijiet a bazi tal-*Proviso* ta' l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni;

Dwar ir-raba' eccezzjoni, fuq l-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokol u n-nuqqas ta' applikabilita` tieghu minhabba l-artikolu 7 tal-Kap 319 u l-artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni dawn huma michuda ghar-ragunijiet imsemmija f'“D6” (dwar l-artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni) u “D7” (dwar l-ewwel artikolu ta' l-Ewwel Protokol);

Dwar il-hames eccezzjoni l-Qorti tirreferi ghal “D8” hawn fuq u tiddikjara li l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni mhux applikabbli ghall-operat tal-Kummissarju ta' l-Artijiet ghalkemm naturalment applikabbli ghal dak li qed isir quddiem il-Bord ta' l-Arbitragg Dwar l-Artijiet;

Dwar it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti ghall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali taghha:

Tiddikjara li hemm dewmien li jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fundamentali tas-socjeta` rikorrenti kif protetti mill-Ewwel Protokol ta' l-Ewwel Artikolu tal-Konvenzjoni Ewropeja Ghall-Protezzjoni tad-Dritijiet tal-Bniedem u l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni (inkluz id-dewmien mill-Bord a tenur ta' l-artikoli 39(2) tal-Kostituzzjoni u 6 tal-Konvenzjoni);

Tissollecita lill-Bord ta' l-Arbitragg Dwar l-Artijiet biex jikkompleta l-proceduri fl-iqsar zmien possibbli u tordna li l-hlas isir fi zmien ragjonevolment qasir in segwitu tad-decizjoni.

Spejjez kontra l-intimat Kummissarju ta' l-Artijiet, hlief dawk relativi ghall-Avukat Generali li jibqghu a karigu tas-socjeta` rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------